
MONS SION IN JERUSAL



Tifkira

Ta' għeluq

L-elf u disa' mitt sena

Mill-miġja

Ta' San Pawl

F'Malta.

Is-Sitt Sena APRIL - ĠUNJU, 1960 Għadd 2

*"Super Muros Tuos Jerusalem, Constitui Custodes."*

# LEĦEN
# L-ART IMQADDSA

QARI

LI JOĦROĠ KULL TLIET XHUR

MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU

F'MALTA

Mitbugħ għand "Giov. Muscat & Co. Ltd." Valletta.

# LEHEN L-ART IMQADDSA

QARI

MAHRUĠ MILL-KUMMISSARJAT

TAL-QABAR TA' KRISTU

F'MALTA

**Is-Sitt Sena** | **APRIL - ĠUNJU, 1960** | **Għadd 2**


## X'FIH DAN IL-GĦADD


L-Omm tan-Niket (Id-Direzzjoni) ... ... ... ... ... ... ... 33

L-Ewwel Taqsima — DAWL

Il Qabar ta' Lażżru (Fr. Salv, O.F.M.) ... ... ... ... ... ... 34
Il-Purċissjoni ta' Kull Jum Fil-Qabar ta' Kristu (Elsie) ... ... ... ... 37
Il-Knisja tal-Ġebla f'Nazaret (Fra Pietru, O.F.M.) ... ... ... ... ... ... 43
L-Aħħar Għid ta' Ġesù ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 45
Ġeriku (Dun Anton Tabone) ... ... ... ... ... ... ... ... ... 51
Omm Ġesù (Fra Marjanu) ... ... ... ... ... ... ... ... ... 53
L-Attijiet bil-Għarbi ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 55

It-Tieni Taqsima — ĊENTENARJU

Kemm l-Ittra kiteb San Pawl? (P. P. Saydon) ... ... ... ... ... 56
Il-Qdusija tal-Kotba Mqaddsa fit-Tagħlim ta' Missierna San Pawl
(P. Gwidu Schembri, O.F.M.) ... ... ... ... ... ... 58
L-Istorja ta' San Pawl ... ... ... ... ... ... ... ... ... 60
Aħbarijiet ta' l-Art Imqaddsa ... ... ... ... ... ... ... ... 63
Requiescant In Pace ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 64


---


*Direzzjoni*: W. R. P. Nikola Magro, O.F.M., Kummissarju tat-Terra Santa.
*Amministrazzjoni*: R. P. Valentin Cardona, O.F.M., Viċi Kummissarju.
Kummisserija tat-Terra Santa, Kunvent ta' Ġieżu, il-Belt.

# L-OMM TAN-NIKET

*Fil-belt imqaddsa ta' Ġerusalem, l-imkien li fih iż-żawwari jħoss qalbu tingħafas, huwa l-Kalvarju; imma l-aktar li jagħsarlu qalbu u jġiegħlu joħroġ dmugħ minn għajnejh huwa n-naqra t'artal żgħir, bejn iż-żewġ artali kbar, il-wieħed ta' fejn Ġesù kien imsallab u l-ieħor ta' fejn radd Ruħu fuq is-salib, li fuq dal-artal żgħir tinsab is-sura* mezzu bust *ta' Marija Omm tan-Niket, jew il-Madonna tal-Qalb Minfuda. Ir-Rhieb Franġiskani għassiesa ta' dak l-imkien imqaddes kienu fehmu li jixraq wisq li l-Omm ta' Ġesù tkun hemm ma' ġenb Binha waqt li kien ibati u jmut, imnikkta taħt is-salib tiegħu.*

*U tassew Marija waqfet ħada Binha fil-mewt kif kienet imxiet miegħu fil-ħajja. Maħtura sa minn qabel iż-żmenijiet bħala sieħba fil-ħidma feddejja ta' Binha, ma setgħetx tonqos li ma tkunx hemm ukoll fejn kellu jkun mitmum l-aqwa xogħol tiegħu. Fuq il-Blata tal-Golgota Ġesù kien midbuħ u Marija, Ommu, seħbitu fit-temma tal-fidwa. B'idejha għolliet 'il fuq lil Binha, imsawwar mid-demm Verġni tagħha, bħala debħa, biex iraqqad il-għadab tal-Missier għalina, li miegħu konna midjiena, ukoll jekk din il-għotja timla bin-niket il-qalb ta' Omm, tagħha.*

*U fuq dan l-artal ċkejken aħna għandna nfittxu l-Messija Feddej tagħna. Hemm, f'dik il-Qalb minfuda ta' Marija, li kienet tat lil Kristu l-ħajja ta' dil-art, insibu l-għajn li tfawwar bl-ilma tal-Grazzja qaddisa, li taħsel u tisfi lil ruħna mtebbgħa bid-dnubiet. Wieqfa b'qalbha minfuda taħt is-salib, issieħeb lil Binha fit-twila agonija, fil-waqt li l-għażiż demmu jċarċar għal fidwa tal-erwieħ. Mifnija bin-niket, quddiem għajnejha tarah imut... tisma' l-aħħar għajta tiegħu... tarah imejjel rasu u jrodd l-aħħar nifs ta' ħajtu... fil-ħin li qalbu tkun imċarrta mil-lanza tas-suldat. Iżda malli ġewwa dirgħajha kellha 'l Binha Ġesù mejjet, in-niket u s-sogħba tagħha laħqu l-akbar qjies li tista' ġġarrab ħlejqa.*

*Hemm hi s-Sultana tal-Martri! Marija, b'Ġesù Binha mejjet fi ħdanha; b'rasu mitluqa fuq qalbha; b'xagħru mħabbel u mxarrab bil-għaraq u d-dmija, xbinu mtaqqab bix-xewk, fommu mbexxaq u għajnejh magħluqa; idejh u riġlejh minfuda u sidru miftuħ u jnixxi d-dmija. Liema Mara qatt laħqet din il-quċċata tan-niket? U bħal ma żammet f'qalbha għal bqija ta' ħajjitha kollha l-kliem u l-egħmil ta' Binha, l-iżjed li żammet quddiem għajnejha t-tifkira ħarxa tat-tbatijiet u l-mewt tiegħu.*

*Hemm, f'dik is-sura fuq l-artal ċkejken tal-Kalvarju, jidhru bħala f'mera t-tbatijiet ta' Ġesù l-Feddej tagħna. F'dak il-Wiċċ tal-Omm tan-Niket jidher l-uġigħ tal-qalb minfuda. F'għajnejha mdemmgħa tidher is-sogħba; f'xofftejha mbexxqa l-imrar; u min jaf x'jara kieku wieħed jista' jħares f'qalbha!*

*Tassew li jekk hija hekk is-sura, kienet wisq aktar minn hekk ir-realtà. Imma hemm, fuq il-Blata tal-Kalvarju, quddiem dik is-sura mqaddsa id-dmugħ li joħroġ minn għajnejna jserraħ lil qalbna, u n-niket u t-tbatijiet tagħna jiħfiefu, u ruħna ssib sliem, u faraġ tas-sema!*

*ID-DIREZJONI.*

# IL-QABAR TA' LAZZRU

Meta kont Ġerusalem jien, l-egħżeż ġrajja ta' qalbi kienet tkun xi żjara lil xi Mkien Imqaddes miż-żgħar, minn dawk li jkunu ftit miżjura, darba jew darbtejn fis-sena. Il-qabar ta' Lażżru jinżar, u ssir qribu bħal naqra ta' festa, darbtejn fis-sena: nhar il-Ġimgħa tar-raba' ġimgħa tar-Randan, u darba oħra f'Ġunju. U għal dawn iż-żjajjar kont immur jien ukoll, bla nuqqas. Hawn sa naraw ftit, u fuq fuq, kif issir (jew kif *kienet* issir, għax issa hemm knisja msawra ġmielha qrib il-Qabar ta' Lażżru, u l-festa ssir isbaħ minn ta' meta kont hemm jiena) fil-Ġimgħa tar-raba' ġimgħa tar-Randan.



Betanja — Il-Knisja l-ġdida ta' San Lażżru mibnija mill-Franġiskani fl-1952-1953, li issa fiha jsiru l-ħafliet, jef 'funzjoni'. Tinsab ftit qasab bgħid mill-qabar tal-Qaddis.

Ir-Rhieb Franġiskani, wara l-Quddiesa Konventwali u t-Terza, joħorġu mid-Dejr tagħhom u jitilqu lejn Betanja, u magħhom imorru wkoll xi Insara, min ikun irid (għax il-biċċa l-kbira tal-Insara jmorru wara, hekk għal xi s-seba', jew it-tmienja ta' fil-għodu). Ikun għadu d-dlam, u l-ibwieb ta' kull ħadd magħluqa, u nies qisu baħħ.

Betanja qegħda qrib minn Ġerusalem, xi tlitt imjiel bogħod minnha, imma wara Ġebel iż-Żejtun, jew Muntanja taż-Żebbuġ. Tista' tmur fiha minn żewġ triqat: it-triq il-qasira, toħroġ minn Ġerusalem, għal Wied ta' Kidron, tħalli l-Ġetsemni fil-lemin, titla' telgħa wieqfa wieqfa, tasal fuq iż-Żejtun (il-muntanja) tħalli l-kappella ta' Lapsi fuq ix-xellug (jew moskija, għax hi tal-Għarab Misilmin, u jum wieħed fis-sena biss tkun tal-Insara), tiġbed lejn Bet-fâġe, u tasal Betanja. Jew tgħaddi minn triq oħra, itwal, imma teħles mit-telgħa l-wieqfa: għax meta taqsam wied Kidron, minn taħt il-Bażilka tal-Ġetsemni, tiġbed mal-lemin, għat-triq ta' Ġerko, dejjem wâtja, jew telgħa ħafifa, u tasal Betanja, minn taħt ir-raħal; triq ftit itwal mill-oħra, imma ma tgħajjikx wisq.

Hemm hekk, ftit passi bogħod mill-Qabar ta' Lażżru, fi żmieni kien hemm bħal razzett qadim, ħafna minnu mġarraf, u xi kamra jew tnejn sħaħ; u ġewwa fihom, xi qaddejja tar-Rhieb joqgħodu jħejju l-kafè għall-Franġiskani u għall-Insara li jiġu (għax hekk hi d-drawwa l-qadima f'dawn iż-żjajjar: kull min jiġi għandu l-jedd jieħu kikkra kafè tajba bla ma jħallas flus). Il-Franġiskani jidħlu f'dak ir-razzett, jieħdu l-meħtieġ għal quddiesa (artal żgħir, donnu kaxxa tinfetaħ u ssir artal, bis-salib u l-karti-glorja u l-kandlieri) u

xi banketta. Jarmaw dan l-artal ġewwa l-qabar ta' Lażżru u jibdew il-quddies. Iqaddsu f'żewġ artali, biex niftehmu sewwa: artal minnhom bħal daħla fil-ħajt, tal-ġebel. Imma ħalli nfiehmu naqra kif inhu l-qabar ta' Lażżru, għax hawn l-affarijiet mhux bħal ta' Malta; u jekk ma nfissrux naqra, ma niftehmux.

Mela, l-qabar ta' Lażżru, kif inhu issa, qiegħed taħt għalqa. Il-għalqa hija ogħla mit-triq, u ġewwa l-ħajt tal-għalqa hemm il-bieb tal-Qabar.

Kif tidħol minn dal-bieb, issib taraġ, dejjaq u mgħawweġ, li fih erba' u għoxrin tarġa, mittieklin, daqs kemm nies niżlu minnhom. Mit-taraġ tiġi f'kamra taħt l-art, kbira xi disa t'ixbar, tul u wisa', u fix-xellug, mal-ħajt, bħal artal tal-ħaġar. Bejn l-artal u l-aħħar tarġa tat-taraġ, fl-art, hemm ħofra, li trid tinżel ġewwa fiha, timxi rasek baxxuta ma mogħdija dejqa u qasira (x'tibda tgħidilha ?) u tiġi f'kamra oħra iżgħar minn ta' fuq, għax fiha xi sitt ixbar tul u wisa'. Dan huwa l-qabar ta' Lażżru fejn kien ilu midfun erbat ijiem, meta Ġesù qajjmu mill-mewt. Hawn isfel jirtama l-artal tal-għowwied, dak li donnu kaxxa bis-saqajn, u jqaddsu fuqu; fil-kamra ta' fuq iqaddsu fuq l-artal al-ħaġar, billi jarmawh ftit.

Hemm ġew, fil-kamra ta' taħt, billi l-aktar maqgħad Imqaddes, ħafna nies milli jiġu minn Ġerusalem, jinżlu jisimgħu l-quddies u jitqarbnu. Naf li darba, meta kont hemm jien ukoll nisma l-quddies, ilkoll, kien hemm ħmistax min-nies għat-tqarbin.



**Dehra ta' Betanja. Il-Qabar ta' San Lażżru jinsab taħt l-għalqa fil-lemin tar-ritratt, qrib dak il-kampnar żgħir, ftit 'il fuq minn salib it-toroq.**



**Betanja — Raheb Franġiskan jaqra l-Evanġelju qrib il-bieb tal-Qabar ta' San Lażżru· Il-bieb huwa dak il-baxx, ħdejn ir-Raheb liebes l-istola.**

Dak li kien iqaddes kien Patri Spanjol u saqsa kemm kien hemm sa jitqarbnu, u wieħed spanjol ukoll, għadd in-nies u qallu "Quince" (ħmistax). Il-Patri ma fehmux sewwa, u wieħed Taljan qallu b'leħen aktar għoli "Kinse", għax iċ-"ċ" Spanjola qabel l-"e" tinstama' bħal "th" Ingliża, imma t-Taljan ilsienu ma kienx idur. Minn dan jidher li l-kamra ta' taħt, il-qabar ta' Lażżru, sewwa, tasa' qisu minn sittax sa għoxrin min-nies.

Għad li hemm hu mkien Imqaddes, xi daqqiet, fih donnu jagħtik id-daħk. Għax minn Ġerusalem jiġu wkoll nisa, Għarab u Polakki (il-Polakki, kull fejn imorru l-Franġiskani jmorru warajhom, u laqqmuhom *Le Pie Donne*), uħud minnhom imdaħħlin fiż-żmien. Xi waħda min dawn, malli tinżel it-taraġ sieqha tmur ħażin, u taqa' fil-ħofra li għedna l-ewwel li hemm fl-art. Mela, kif tkun tisma' l-quddies hemm taħt, tisma ħoss u karba, imbagħad tara dieħla mara. Imbagħad targa' tisma' ħoss u karba, u tara dieħla mara oħra wkoll. Minn tnejn sa tlieta ma jonqsux, li jaqgħu hemm matul quddiesa. Jagħtik id-daħk għax biex jidħlu hemm hekk, il-waqa' u l-karba, għan-nisa l-ħoxnin, donnhom *conditio sine qua non*. Hemm tajjeb, li l-ħofra mhix egħmiqa. Min jaqa' fiha, jindeħex, imma ma jweġġagħx.

Għal ħabta ta' xi t-tmienja u nofs Raheb Franġiskan idoqq qanpiena żgħira ħdejn il-bieb tal-qabar, ħalli l-Insara li jkunu mxerrda hemm, ġewwa l-għelieqi u taħt is-siġar taż-żebbuġ (hawn jgħidulu *żejtun* iż-żebbuġ li jittiekel) jinġabru ħada bieb il-qabar ta' Lażżru. Hemm wieħed Franġiskan bl-ispellizza u l-istola jaqra l-Evanġelju tal-qawma ta' Lażżru bil-Latin, u warajh jaqrah ukoll Raheb Franġiskan bil-Għarbi, biex jifhmuh in-nies tal-pajjiż. Ikun hemm għadd ta' nies sewwa, ħafna li jaħdmu mal-Franġiskani; għax barra mill-kbar li jmorru hemm għal qima, ikun hemm is-sorijiet Franġiskani bil-bniet iltiema tal-iskola tagħhom, u l-ajkijiet u l-Imgħallmin, bit-tfal tal-iskola subien.

Imbagħad minn hemm in-nies jitqassmu tnejn tnejn, ir-Rħieb Franġiskani quddiem, u jimxu għal Betfaġe, fejn Ġesù rikeb fuq il-felu ta' ħmara, meta daħal Ġerusalem; minn hemm għall-kappella ta' Lapsi, li l-Misilmin jiftħuha lill-Insara, li ma għandniex xi ngħidu jagħtuhom il-"baqxix". Minn hemm għal Maqdes ta' fejn Ġesù għallem lil Appostli l-Missierna, u mbagħad fin-niżla taż-Żejtun, il-kappella fejn Ġesù beka fuq Ġerusalem.

Minn hemm għall-Bażilka tal-Agunija, fejn hemm il-blata Imqaddsa li fuqha qagħad wiċċu fl-art Ġesù qabel ma qabduh il-Lhud. Imbagħad il-Qabar tal-Madonna li jiftħu l-Qassis Grieg, għal "baqxix" ukoll. U minn hemm għal Ġerusalem, li kif jidħlu l-bieb tagħha, jmorru jżuru l-Knisja tas-Salaħija, li taħtha hemm l-imkien fejn twieldet il-Madonna. Minn hemm imbagħad kull ħadd jibqa' sejjer jew għal xogħlu jew id-dar.

Hemm wisq aktar x'wieħed jgħid fuq il-qabar ta' Lażżru, imma daqs hekk il-lum biżżejjed, biex ma nigbdux fit-tul wisq.

Fr. Salv, O.F.M.

# Il-Purċissjoni ta' Kull Jum Fil-Qabar ta' Kristu

Fil-Basilika fejn jinsab il-Qabar għażiż ta' Kristu, kull wara nofs in-nhar, id-Rħieb Franġiskani jagħmlu Purċissjoni. Purċissjoni ġewwa l-Bażilika nfisha, mhux joħorġu barra minnha. Għax bħal ma ġie li għedna (1) dil-Bażilika kbira ħafna u fiha għadd ta' Tifkiriet tal-Passjoni ta'



Ġerusalem — Faċċata tal-Bażilka tal-Qabar ta' Kristu, li fiha ssir il-Purċissjoni ta' kull jum, imfissra f'dil kitba.

Kristu. Dawn it-tifkiriet iduruhom waqt il-Purċissjoni u *jkantaw*, jew jgħannu għana mqaddes, kif jitlob l-imkien. Hawn sa ngħidu ftit kif u fejn issir din il-Purċissjoni, biex min għad imur mawra sa Ġerusalem, ikun jaf xi ħaġa milli sa jara, u min ma jmurx, ikun jaf xi ħaġa milli jsir hemmhekk (2).

Din il-Purċissjoni tibda fil-ħamsa ta' wara nofs inhar, wara l-Uffizzju tal-Franġiskani. Hawn sa ngħidu xi ħaġa kif issir il-lum, mhux kif kienet issir dari (għax ilha ssir, xorta jew oħra, mis-seklu Erbgħa, u dan magħruf għax semmietha waħda mara jisimha Eterja, li żaret lil Ġerusalem għal ħabta tas-sena 385); u ngħidu kollox ħafif-ħafif u fuq-fuq.

Fil-għamla li għandha issa dil-Purċissjoni ilha mis-sena 1623, meta kien Kustodju tat-Terra Santa P. Tumas Obicini. Imma fis-sena 1947 sar xi tibdil fl-innijiet li jitkantaw minn waqfa għal waqfa. U mat-13 il-stazjon, jew waqfa, li kien għamel il-Patri Obicini, il-Patri Kustodju Ferdinandu Diotallevi fis-sena 1924, żied waqfa oħra, fuq il-kalvarju, quddiem il-Madonna tad-Duluri, dik li semmejna kemm il-darba f'dan il-"Qari" (3). Għalhekk il-waqfiet kif isiru l-lum huma erbatax.

Il-Franġiskani fil-Basilika tal-Qabar ta' Kristu għandhom kappella għalihom waħedhom, u ma għandhom ebda jedd fuqha l-Insara l-oħrajn, Griegi u Armeni. Il-kappella fiha l-imqâgħwad bħal ma jkun fih il-kor, u ġewwa fiha jgħidu l-uffizzju. Hemm, l-Ebdomadarju, jew Raheb tal-Ġimgħa, jilbes l-ispellizza u l-istola b'żewġt irħieb oħra, Raheb kull naħa tiegħu, bl-ispellizza wkoll imma mingħajr stola, u Ajk bit-tibħir qud-

diem. Hemm tingħad l-Antifna: *O Sacrum convivium,* quddiem is-Sagrament, u minn hemm imorru fl-artal tan-naħa tal-lemin, fejn tinsab biċċa mill-kolonna li magħha kien marbut Sidna Ġesù Kristu meta r-Rumin tawh is-swat. Quddiem dal-artal jingħad (u fil-festi jitkanta għax f'jiem ta' għid biss il-kant jibda mill-ewwel, f'jiem oħra jibda mill-Kalvarju u jibqa' sejjer sal-aħħar nett), Innu sabiħ wisq, li minnu nġibu l-ewwel strofa, bil-Malti, u qabel bil-Latin; din hi:

*Salve, Columna nobilis,*
*Christi dolorum conscia,*
*Queis fracta virtus daemonis,*
*Exempta nobis vincula.*

li bil-Malti, imqabbla, tfisser qisha dawn il-kelmiet:

"Sliem għalik, kolonna xieħra,
"Ta' Ġesù taf il-weġgħat,
"Imkissrin qawwiet il-għadu,
"Minn tad-dnub ħollilna r-rbat!"

hux ħabs ta' Kristu tassew, imma kienu jaħsbuh hekk fi żmien is-Salibijin, u l-għidut baqa' sejjer. Il-Franġiskani baqgħu jżuruh fil-Purċissjoni biex iżommu l-jedd, u għamlu sewwa wisq. Quddiem dal-"ħabs" jingħad Innu sabiħ ieħor, li minnu nġibu l-istrofa ta' qabel l-aħħar, li tmiss il-qalb, aktarx iżjed mill-oħrajn:

*O dulce, Jesu, gaudium,*
*Ob vincla sacri Corporis,*
*Culpas reis remittere,*
*Dignare, dona gratiam!*
"Ja Ġesù, ferħ tagħna ħelu,
"Għar-rbat Ġismek il-għażiż,
"Lil ħatjin aħfer il-ħtija,
"U bil-ħniena agħnina fis!"

Ir-Raba' waqfa wkoll hija ħjiel tas-Salibijin, għax issir isfel, qrib il-Kalvarju, imma s-suldati Rumin lagħbu ħwejjeġ Ġesù taħt is-salib ta' Kristu, fuq il-Kalvarju sewwa. Il-Franġiskani, kif jixraq (għax dak l-artal hu



Ġerusalem — Biċċa mill-Kolonna li magħha s-suldati Rumani rabtu lil Ġesù u tawh is-swat. Tinsab fil-kappella tal-Franġiskani u minn quddiemha tibda l-Purċissjoni.

Minn hemm ir-Rhieb bl-Insara warajhom jimxu għan-naħa fejn hemm bħal kappella żgħira mħaffra fil-blat, li jgħidulha l-Ħabs ta' Kristu, u tassew qisha ħabs, għax dejqa u mudlama, li tistkerraħ tidħol waħdek fiha, għad li jkun hemm dejjem lampier żgħir b'tazza lewn ikħal tnemnem fih, quddiem xbiha Griega ta' Ġesù marbut u mgħotti bil-porpra. Dan ma

tal-Griegi Ortodossi, mhux tagħhom) biex iżommu l-jedd, jibqgħu jżuruh fil-Purċissjoni ta' kull jum. L-Innu li jgħidu, fih kliem sabiħ għall-aħħar. L-ewwel bejta, jew strofa hija din:

*Adeste, pacis Angeli,*
*De sede coeli nobili,*
*Alasque vestras tendite,*
*Et membra Christi condite!*

U mexbbħa bil-Malti hija hekk:

"Eejjew, Anġli tas-sliema,
Tas-smewwiet mill-qgħad mixhura,
"U ġwenħajkom fittxu iftħu,
"Biex ta' Kristu tgħattu s-sura!"

Minn hemm ir-Rħieb u l-Insara jinżlu ma' taraġ wiesa' għal ġewwa kappella kbajra u qadima wieqfa fuq għawiemed jew *kolonni* qosra; imbagħad jerġgħu jinżlu ma' taraġ tal-ħadid (magħmul minn wieħed ajk Malti) u jiġu ġewwa l-ġiebja bla ilma fejn Santa Liena sabet l-Għuda tas-Salib. L-ewwel bejta tal-Innu li jingħad jew jitgħanna hawn hija din:

"Ebda masġar ma tgħa bħalek,
"Żah'r u weraq, ward u ħdura.
Għuda ħelwa, ħadid ħelu,
"Toqol ħelu twieżen bih!"

Imbagħad mill-ġiebja jerġgħu jitilgħu fil-kappella l-qadima u baxxa, li hi tal-Armeni, u mwiegħda lil Santa Liena, u jgħidu l-Innu li minnu nġibu l-bejta ta' qabel l-aħħar, bil-Latin u bil-Malti, hekk:

*Rex Christe, virtus fortium,*
*Qui magna solus efficis,*
*Hujus precatu, quaesumus,*
*Audi, benignus supplices.*



Ġerusalem — L-artal fuq il-Kalvarju fejn Ġesù kien imsammar fuq is-Salib, kif jidher fl-inkwatru tal-mużajk.

*Crux fidelis, inter omnes,*
*Arbor una nobilis,*
*Silva talem nulla profert,*
*Fronde, flore, germine.*
*Dulce ferrum, dulce lignum,*
*Dulce pondus sustinet!*

li bil-Malti nistgħu naqalbuh hekk:

"Ja Salib emin fost kollha,
"Inti biss siġra mixhura,

U b'tagħna:

"Ja Ġesù, sultan tas-saħħa,
"F'idejk biss l-egħmejjel kbar.
"Nitolbuk, għal Santa Liena,
"Li, ħanin, talbna taħtar!"

Minn hemm jitilgħu t-taraġ il-wiesa' u kif jaslu f'mimxa mudlama, jieqfu quddiem artal ieħor, tal-Griegi Ortodossi, li taħtu jingħad li hemm

il-ħaġra li fuqha r-Rumin qiegħdu lil Ġesù bil-qiegħda meta, biex jgħaddu ż-żmien u jitmasħru, libbsuh ta' Sultan. L-aħħar bejta tal-Innu li jingħad hawn hija dina:

*Precemur Christum, lacrimis,*
*Per chlamyde coccinea,*
*Spinis, flagris, arundine,*
*Ut nos coronet gloria. Amen.*

li bil-Malti jistama' hekk:

"Nitolbuk, Kristu, bi dmugħna,
"Għal mant aħmar li ksewk bih,
"F'ġih ix-xewk, is-swat, il-qasba,
"Ħudna f'tiegħek it-tisbiħ! Amen"

Imbagħad minn hemm jibqgħu sejrin mal-mimxa l-mudlama għan-għax jitkanta fil-knejjes ta' Malta wkoll. L-ewwel bejta tiegħu hi dina:

*Vexilla Regis prodeunt.*
*Fulget Crucis Mysterium.*
*Qua vita mortem pertulit,*
*Et morte vitam protulit.*

U bil-Malti:

"L-egħlimiet tas-Sultan ħierġa,
"Jiddi s-serr minn tas-Salib,
"Li l-mewt fuqu l-ħajja ħadet,
"Biex il-mewt il-ħajja ġġib."

Hawn ikunu fuq il-Kalvarju fejn lil Ġesù r-Rumin meddewh fuq is-salib u sammruh. Minn hemm jimxu ftit passi għal fejn Ġesù kien merfugħ fuq is-salib u miet, li hija d-disa'



Ġerusalem — L-Artal ta' fuq il-Kalvarju, fil-post fejn il-Lhud waħħlu s-Salib b'Ġesù mislub fuqu. Fil-lemin jidher l-artal iż-żgħir, tad-Duluri.

naħa tal-blata tal-Kalvarju. Hawn, dejjem, Għid u mhux, l-Innijiet jibdew *jitkantaw* (jew bil-Malti, jitgħannew). L-Innu li bih jitilgħu t-taraġ qasir tal-Kalvarju huwa l-"Vexilla Regis"; dal-Innu kulħadd semgħu, waqfa. Mill-Innu ta' hawn nġibu t-tielet u l-aħħar bejta, għax hi l-aktar li tmiss il-qalb.

*Heu! Salvator mundi pendet,*
*In Crucis patibulo,*
*Membra dire lacerata,*

*Virgo mater aspicit.*
*Hinc precamur, nobis, Pater,*
*Des felicem exitum. Amen.*

Li bil-Malti tista' titqabbel hekk:

"O ! L-Ħellies tad-dinja mdendel,
"Fuq il-għuda tas-Salib;
"B'daka Ġismu kollu mġerraħ,
"Waqt li Ommu tħares qrib.
"B'hekk, Missier, lilek nitolbu,
"Fi tmiem tajjeb lilna ġib. Amen."

Minn hemm, ir-Rħieb tan-nofs u t-tnejn li jseħbuh jiċċaqalqu ftit u



**Ġerusalem — L-artal iż-żgħir, bejn iż-żewġ artali kbar, fuq il-Kalvarju. Fuqu hemm is-sura tad-Duluri li taqla' grazzi bla għadd lil min jitlobha bil-qalb, Insara u Misilmin. Taħt l-artal fix-xellug ta' min iħares, tidher biċċa mill-Blata tal-Kalvarju.**

jmorru joqogħdu għarkubtejhom quddiem id-Duluri sew (dik li semmejna l-ewwel), u n-nies aktarx jibqgħu fejn ikunu, għax qrib ħafna tal-waqfa l-oħra. Hemm jitkanta l-Innu li nafuh Malta wkoll: "Stabat Mater", jiġifieri dana:

*Stabat Mater Dolorosa,*
*Juxta Crucem lacrimosa,*
*Dam pendebat Filius.*
*Pro peccatis suae gentis,*
*Vidit Jesum in tormentis,*
*Et flagellis subditum.*

U nfissruha ftit bil-Malti wkoll:

"Kienet wieqfa l-Omm mifnija,
"Mas-Salib, kollha mbikkija,
"Waqt li Binha kien mislub,
"Għad-dnubiet ħorox tan-nies,
"Lil Ġesù maħqur bla qjies,
"Rat; u mogħti l-eħrex mewt."

Minn hemm jinżlu mat-taraġ li telgħu minnu, għal ħada l-Ħaġra tad-Dilka, li issa tinsab mgħottija bir-rħam u ma' dwara jixgħel ix-xama' u fuqha mdendla l-lampieri. Kull ħadd joqgħod għarkubtejh ma' dwarha u jitkanta l-Innu "Pange lingua vulneratum", qisu bit-ton tal-*Pange Lingua* li jitkanta Malta qabel il-Barka. Minn dan l-Innu nagħżlu s-sitt bejta, ta' qabel l-aħħar li hija din:

*O Caput, salve, corona,*
*Spinea circumdatum,*
*O, Ave, latus cruento,*
*Vulneratum cuspide,*
*Me reconde, criminosum,*
*Sacro 'n hoc foramine.*

Jiġifieri:

"Sliem għalik, ja Ras, b'kuruna,
"Imdawra, tal-eħrex xewk;
"Sliem għalik, Sider indemma',
"B'lanza kiefra minfud fis.
"Lili aħbi, msejken midneb,
"Ġewwa da' l-minfed għażiż!"

Wara li jbaħħru l-Ħaġra tad-Dilka u jgħidu l-*Pater Noster*, etc, bħal ma jagħmlu fil-waqfiet kollha, iqumu minn hemm u jgħaddu minn taħt waħda mill-ħnejjiet tal-Basilika u jigu quddiem il-Qabar ta' Kristu. Huma u jimxu jkantaw l-Innu li tgħanni l-Knisja għal ħabta tal-Għid,

jiġifieri *Aurora Coelum purpurat,* li hawn inġibu bejta minnu (it-tieni waħda), bil-Latin u bil-Malti:

*Rex ille dum fortissimus,*
*De mortis inferno specus,*
*Patrum senatum liberum,*
*Educit ad vitae jubar.*

U bil-Malti:

"Ara dak is-Sultan qawwi,
"Minn tal-mewt il-qiegħ tal-għar,
"Lil ġemgħat tax-xjuħ mar jeħles,
"W għad-dawl ħareġ ta' bi nhar."

Minn hemm jimxu wkoll u jgħaddu minn taħt ħnejja oħra tal-Basilika għal quddiem l-artal tal-Madalena, quddiem il-kappella-kor tal-Franġiskani fejn għedna li tibda l-Purċissjoni. Jgħannu l-Innu tal-Madalena ħelu ħafna wkoll, u sa naraw bejta oħra minnu, bħal ma għamilna s'issa, li hi din li ġejja:

*Jesu! Dulce refugium!*
*Spes una poenitentium:*
*Per Magdalenae meritum,*
*Peccati solve debitum. Amen.*

Li bil-lingwa tagħna jiġi hekk:

"Ja Ġesù! Ja maħrab ħelu!
"Tama waħda tan-nedmin,
"Bl-istiħqaq tal-Madalena,
"Aħfer djun il-midinbin.

Hemmhekk in-nies jibqgħu barra (jekk ma jkunx hemm il-Barka, għax jekk ikun hemm, jidħlu fil-kappella li semmejna moqbejl) u r-Rħieb jidħlu u joqogħdu għar-rkubtejhom quddiem l-artal tan-nofs. Hemm jitfakkar meta Ġesù deher 'l Ommu biex isabbarha wara s-sogħba kbira tagħha meta ratu msallab u maqtul. Hawn sa nġibu bejta jew *strofa* tiegħu li hi l-aħħar waħda, għax il-Purċissjoni tintemm hawnhekk. Din:

*Jesum Christum Crucifixum,*
*Ob peccatorum crimina,*
*Hunc vidisti et flevisti,*
*O gloriosa Domina!*



Ġerusalem — Il-Qabar ta' Kristu minn ġewwa. Il-Qabar huwa dak il-bank miksi bir-rħam li quddiemu jinsab għar-rkubtejh ir-Raheb Franġiskan. Il-Franġiskani ksewh bir-rħam fis-sena 1555, biex iż-żawwarin ma jaqtgħux żrar minnu.

Bil-Malti, tinqaleb hekk:
"Lil Ġesù li kien imsallab,
"Għal ħtijiet tal-midinbin,
"Hawna rajtu u hawna bkejtu,
"Kbira Sidt tagħna l-bnedmin.

U wara tingħad il-Litanija u nhar ta' Ġimgħa u nhar ta' Ħadd tingħata l-Barka, u r-Rħieb jidħlu (għax ir-Rħieb t'hawn jieklu bikri billi jridu jqumu mhux fil-għodu, imma f'nofs il-lejl, biex jgħidu l-Uffizzju) u n-nies joħorġu mill-Basilika u jmorru lejn id-dar, jew jaqdu xi qadja li jkollhom, għax ikun għadu l-ħin.

ELSIE

(1) Ara dan il-"Qari", għadd 4, Sena 1958, f. 108.

(2) Il-Patri Kummissarju ta' Malta, li ħa Pellegrinaġġ Malta f'Awissu 1956, aktarx li ma jdumx ma jieħu Pellegrinaġġ ieħor, għax qalulu li jixtiequ jmorru ħafna nies.

(3) Ara għadd 2, l-ewwel Sena (1955) f. 26, u għadd 1, Sena 1957, f. 12.

# IL-KNISJA TAL-GEBLA F'NAZARET

Xi daqqiet donni rrid naħseb li Malta hi xi biċċa art li nqatgħet mill-Palestina u baqgħet ġejja mal-baħar sakemm waqfet fejn hi issa, hawn taħt Sqallija!

Donni rrid naħseb hekk, għax in-nies ta' hemm jitkellmu lsien qisu Malti; aħna ngħidu: "X'ismek?", u huma jgħidu: "X'hu ismak?". Aħna ngħidu: "Sliem għalik, Marija"; u huma jgħidu: "Is-salam għalik, ja Marjam". Aħna ngħidu: "Fejn kont il-bieraħ?", u huma jgħidu: "Fen kunt imbârah?", qisu bħal xulxin.

Barra minn hekk, wisq ismijiet ta' mkejjen fil-Palestina, jixbħu lil ta' Malta; ħdejn Ġerusalem, hemm raħal jismu ż-Żejtun, u bejn Ġerusalem u Betlehem hemm raħal ieħor jismu Ħal-Luqa, u hemm ukoll Ħal-Ahmar, Ħal-Junes u oħrajn. F'Malta hawn Għajn Tuffieħa, Għajn Riħâna, Għajn Żejtuna u hekk; u l-Palestina hemm Għajn Karem, Għajn Henija, Għajn Għaġab, u oħrajn. Malta hawn Ġebel Cantar u Ġebel Għażâra, u l-Palestina hemm Ġebel Qurantal, Ġebel el-Moskob, Ġebel it-Tur u ħafna oħrajn. Imbagħad, f'Malta hawn Bir-id-Deheb, Bir-Żebbuġa u hekk; u l-Palestina hemm Bir Għajjub, Bir iż-Żejt, u Bir il-Helu u ħafna oħrajn. U dan naħseb li biżżejjed biex wieħed jara kemm l-ismijiet tal-inħawi ta' Malta jaqblu mal-ismijiet tal-inħawi tal-Palestina.

U biex insemmu ħaġa żgħira, Malta, il-Gżira (jew aħjar, WARA l-Gżira, għax kien hu l-isem veru ta' dik in-naħa, kif jidher mill-ktieb tal-Kommendatur Abela, miktub fis-sena 1647), hemm il-knisja tal-Ġebla; u Nazaret hemm il-knisja tal-Ġebla wkoll! Imma l-knisja tal-Ġebla ta' Nazaret u l-knisja tal-Ġebla ta' Malta, l-isem biss għandhom bħal ta' xulxin; il-bqija hemm bejniethom għażla kbira.

Il-knisja tal-Ġebla ta' Nazaret hija kappella żgħira b'artal wieħed; il-knisja tal-Ġebla ta' Malta hija knisja kbira, b'ħafna artali. Imbagħad, biex tpatti għal dan, il-Ġebla tal-knisja tal-Gżira, hija żgħira daqs ponn ta' raġel; imma l-Ġebla tal-kappella ta' Nazaret, kbira ħafna, għax twila tnaxer (12) xiber, wiesgħa disa (9) t'ixbar, u għolja tlieta (3)! Ara kemm hi kbira, li l-artal tal-kappella kemm kemm jidher warajha!

Jekk il-Ġebla tal-kappella ta' Nazaret hix imwaħħla mal-art jew

maqlugħa, jiġifieri hix blata jew ġebla miġjuba minn xi naħa oħra, jien għad li rajtha u bistha kemm il-darba (għax hi magħduda b'ħaġa mqaddsa, bo lil San Alwiġi Re ta' Franza, fejn qallu li Bibars sultan Mislem, kien ġarraf il-knisja tal-Lunzjata f'Nazaret u l-knisja ta' fuq it-Tabor u wkoll



Nazaret — Il-knisja tal-Ġebla minn barra.



Nazaret — Il-knisja tal-Ġebla minn ġewwa. Il-Ġebla hija dik il-blata li hemm f'nofs il-knisja quddiem l-artal.

u kull min iżur il-kappella jbus il-Ġebla), ma nafx, għax il-qiegħa tal-kappella ċċangata u ma tistax tara.

* * *

L-istorja tal-ġebla tal-knisja ta' Malta nafuha sewwa, għax ġrat fis-sena 1902, qisu l-bieraħ. Imma x'kienet il-Ġebla tal-kappella ta' Nazaret, ħadd ma jaf sewwa. Hemm għidut qadim li fuqha, darba, jew aktar minn darba, kiel sidna Ġesù Kristu mal-Appostli tiegħu; u xejn aktar. Kif u meta ma jingħadx. Imma tajjeb wieħed jgħid in-naqra tal-istorja tagħha.

Din il-Ġebla mqaddsa hi msemmija l-ewwel darba fis-sena 1263, meta l-Papa Urbanu IV fil-20 t'Awissu ta' dik is-sena, bagħat ittra minn Viterbo lil San Alwiġi Re ta' Franza, fejn qallu li Bibars sultan Mislem, kien ġarraf il-knisja tal-Lunzjata f'Nazaret u l-knisja ta' fuq it-Tabor u wkoll il-knisja *tal-Mejda* (ecclesiam de Tabula) "fejn sidna Ġesù Kristu kiel ma' l-Appostli". Minn meta daħlu Nazaret il-Franġiskani, dejjem semgħu 'l min jgħid li fuq dik il-Ġebla Kristu kiel mal-Appostli. U l-Ġebla tidher li kienet maqtugħa sewwa mill-erba t'iġnieb, biex jitħalla biss il-wiċċ tagħha (fejn qagħdu jieklu Kristu u l-Appostli), fi żmien il-Biżantini, qabel ma nbniet l-ewwel knisja.

Meta waqqagħha Bibars, dil-knisja baqgħet imġarrfa u madwarha kien raba' tal-Misilmin. Imma disa' u disgħin sena ilu, jiġifieri fis-sena 1861, il-Franġiskani xtraw il-ħerba tal-knisja bil-Ġebla taħtha, u bnew il-kappella li għad hemm sal-lum.

Fra Pietru, O.F.M.

# L-AHHAR GHID TA' GESU' (*)

*(It-Teorija l-ġdida tal-Professura Jaubert fuq il-jiem tal-Passjoni)*

1. *Il-Misqla.* — Mill qedem nett l-Insara tħabtu biex jaraw kif jistgħu jqabblu flimkien il-kliem ta' San Ġwann u l-kliem tat-tliet Evanġelisti l-oħra, fuq il-jum li fih Ġesù kiel l-aħħar ikla, tal-Għid, qabel ma ħa l-passjoni. Għax waqt li San Ġwann jgħid li Ġesù ttieħed quddiem Pilatu jum qabel il-Għid (ara k. XVIII, v. 28), it-tliet Evanġelisti l-oħra jgħidu li Ġesù u l-Appostli, il-Għid il-Kbir tagħhom għamluh il-lejl ta' qabel (ara Matt. XXVI, vv. 17, u wara; Mark, XIV, 22 u wara; u Luqa, XXII, 7 u wara). Għalhekk jiġi li kif qalu s-sinottki, Ġesù miet *nhar il-Għid*, fil-15 ta' Nisân; u kif qal San Ġwann, miet *il-jum ta' qabel*, fl-14 ta' Nisân. Imma sewwa San Ġwann kemm is-sinottki jaqblu filli jgħidu li Ġesù miet nhar ta' Ġimgħa; fejn ma jaqblux hu x'kienet dik il-Ġimgħa: l-14 jew il-15 tax-xahar; jum qabel l-Għid, jew nhar il-Għid.

Biex tinħall din il-għoqda sar għadd ta' tibsir, li kollu għandu qofol wieħed: li Ġesù għamel l-ikla tal-Għid jum qabel il-Lhud. Dan għamlu jew (a) bil-jedd li kellu bħal Alla (Fouard, Le Camus, etc.); jew (b) għax mexa fuq it-teorija tal-Faresin, mhux fuq it-teorija tal-Qassis il-Kbir, jiġifieri tas-Sadduqin (Vostè, Pratt, Ricciotti, etc.); inkella għax (ċ) mexa fuq id-dehra tal-qamar ġdid mill-Galilija (Lagrange, Braun, etc.). Dawn it-tliet teorijiet, it-tlieta tajbin biex iħollu l-misqla, jew *problema*, għad li bi ftit tar-riserva; hekk, il-jum li fih Ġesù miet, kien il-Għid il-Kbir għas-sinottki; għal San Ġwann kien jum qabel il-Għid, għax hu ried isemmi l-ġrajjiet tal-mewt ta' Ġesù fuq il-kalendarju magħruf, li fuqu kienu jimxu l-Qassisin il-Kbar, li kienu Sadduqin.

2. *It-Teorija l-ġdida* — Ftit snin ilu, imma (fis-sena 1954), ma dawn it-tliet teorijiet li semmejna żdiedet teorija oħra, li għal kemm tħalli li l-mewt ta' Ġesù ġrat nhar il-Ġimgħa wara nofs inhar, ħaġa li ħadd ma jista' jmeriha, traġġa' lura l-aħħar ikla, u l-Ewkaristija, u l-qbid ta' Ġesù, mhux il-Ħamis, imma t-Tlieta bil-lejl, jiġifieri, kif kienu jgħoddu dak iż-żmien, fl-ewwel siegħat tal-Erbgħa; (ara Jaubert: "La Date de la Cène").

Kif jidher din it-teorija l-ġdida għandha sisien tajba ġmielhom, għax tagħti raġunijiet fuq in-nuqqas ta' qbil bejn l-Evanġelisti, u tagħti wkoll il-wisa' għal ġrajjiet tal-Passjoni, li kif inhuma fl-Evanġelji jidhru marsusa wisq u ħaġa kbira biex ġraw kollha fi ħmistax jew tmintax il-siegħa (1).

3. *Kalendarju tax-xemx ewlieni* — Dit-teorija tibda billi tnebbaħ li barra mill-kalendarju qabbieżi tal-qamar, li fi żmien Kristu kien imħares mill-Qassisin, kien hemm kalendarju ieħor, sħiħ, tax-xemx. Dan jidher minn żewġ kotba qodma tal-Lhud: il-ktieb tal-Ħmiesen (Jubilaei) u l-ktieb ta' Enok. L-ewwel ktieb miktub bejn mitejn u tliet mitt sena qabel Kristu, u ħa l-isem ta' "Ħmiesen" għax isemmi l-ġrajjiet ta' mill-ħolqien tad-dinja sal-għoti tal-Liġi fuq Ġebel Sina, imqassam żmien ħamsin-ħamsin sena. Dan il-ktieb jibda jqis iż-żmien minn nhar l-Erbgħa (jew ir-raba' jum), meta Alla ħalaq ix-xemx. Jibda hekk, għax qabel ma saret ix-xemx, ma kienx hemm jiem, għax il-jum huwa nhar u lejl, u n-nhar u l-lejl tagħmilhom ix-xemx,

għax bi nhar tiddi, u bil-lejl tinħeba. Il-ktieb ta' Enok huwa eqdem minn dan, u fit-taqsimiet, minn 72 sa 82, fih tagħlim fuq il-kwiekeb u fuq ix-xemx u l-qamar u l-liġijiet li jmexxuhom.

4. *T a q s i m tal-Kalendarju* — Dawn iż-żewġ kotba juru li kien hemm kalendarju tax-xemx li fih is-sena kien fiha 364 (tliet mija u erba' u sittin) jum, imqassma fi tliet irbajja', kull rabgħa b'91 (wieħed u disgħin) jum, imqassma fi tliet xhur ta' 30, 30, u 31, li jagħmlu 13 (tlettaxer) ġimgħa; hekk li s-sena kien fiha 52 (tnejn u ħamsin) ġimgħa. U kull għadd ta' snin kellha tiżdied ġimgħa, għad li dawn il-kotba ma jsemmuhiex. F'dan il-kalendarju il-għejjieda kienu jiġu dejjem jum wieħed, għax la darba s-snin kollha jibdew bl-Erbgħa, kull jum tas-sena kien ikun bħal tas-sena ta' qabel. Jiġifieri il-Għid il-Kbir dejjem nhar t'Erbgħa, l-ieħor dejjem nhar ta' Ħamis, u hekk. Billi l-ewwel tas-sena kien l-ewwel ta' Nisân, u kien l-Erbgħa, hekk il-Għid il-Kbir tal-Lhud, kif jitlob dal-Kalendarju, kien jiġi dejjem nhar t'Erbgħa, għax fil-15 ta' Nisân.

Fis-sena tal-Qassisin, jiġifieri tal-qamar, ma kienx jiġri dan, għax l-ewwel tax-xahar kien ikun l-ewwel darba li jidher il-qamar, ikun liema jum ikun: it-Tnejn, jew it-Tlieta, jew jum ieħor, ikun x'ikun.

5. *Il-Kalendarju xemxi f'Qumrân* — Ħaġa tajba li wieħed ikun jafha hija, jekk il-kalendarju xemxi kienx hemm min iħarsu, imqar ftit nies, fi żmien Ġesù. Fuq dan jagħtuna d-dawl il-kotba li nsabu ftit snin ilu f'Qumrân (2), ħdejn il-Baħar il-Mejjet, li juru li l-kalendarju tal-Ħmiesen kien għadu mħares fl-ewwel seklu, jiġifieri fi żmien Ġesù. Jidher li r-Rhieb ta' Qumrân, kienu jħarsuh, għax f'dawk il-kotba jissemma wisq drabi li min jidħol fix-Xirka tagħhom kellu jħares "il-kalendarju l-ieħor, mhux dak li jħarsu l-Qassisin tat-Tempju ta' Ġerusalem". Li l-kalendarju "l-ieħor" kien il-kalendarju msemmi fil-ktieb tal-Ħmiesen, jidher għax fil-għerien ta' Qumrân insabu frakijiet u bċejjeċ ta' mill-anqas ħames kotba bħalu. Imma jidher aktar ċar mid-Dokument ta' Damask, li nsab bħalu wkoll f'Qumrân, li fih miktub dal-kliem: "Dak il-bniedem li jrid jidħol fix-Xirka l-Ġdida, irid jarġa' lura għal Liġi ta' Mosè, fejn kollox jinsab imgħarraf sewwa. Imbagħad fejn imiss il-qjies taż-żmien, ma jimxix fuq l-amar ta' Israel f'dilħaġa, għax hemm kollox imgħarraf sewwa fil-ktieb tat-taqsim taż-żmien, fi Ħmiesen ta' snin u l-ġmiegħi tagħhom" (k. XVI, 1-4). Hekk ukoll miktub fi ktieb li nsab f'Qumrân, imsemmi *Ktieb it-Tmexxija*: "L-Imxerkin għandhom jimxu sewwa quddiem Wiċċ Alla, f'dak kollu li Huwa kixef fuq il-Għejjieda tagħhom, il-minnhom" (k.I, 8-9).

6. *Iż-żmenijiet tan-nofs* — Żewġ kittieba Għarab taż-Żenijiet tan-Nofs (Medju Evu) isemmu wkoll Xirka ta' Lhud li huma laqqmuha: "Xirka ta' r-Rġiel tal-Għar", li xi kotba tagħhom insabu qrib Ġerko għal ħabta tas-sena 800 wara Kristu. Dawn il-kittieba jsemmu fit-tul il-kalendarju tar-Rġiel tal-Għar. Fis-sena 936, kittieb minnhom, El-Qirqisâni, kiteb hekk: "Alla ħalaq żewġt idwal, ix-xemx u l-qamar... dan kien fil-jum l-Erbgħa tal-Ħulqien; għad li kien l-Erbgħa tal-Ħolqien, huwa wkoll l-ewwel tax-xahar". El-Biruni, fis-sena 1000 (dejjem wara Kristu) fisser ruħu hekk: "Mil-lejl ta' bejn it-Tlieta u l-Erbgħa tal-ġimgħa, in-nies tal-Għar, jibdew jgħoddu l-jiem u x-xhur, u

minn dak in-nhar jibda l-mixi tal-Għejjieda. Għax fir-raba' jum Alla ħalaq iż-żewġt idwal; għalhekk, kif jgħidu huma, Għid il-Kbir ma jistax jiġi ħlief nhar l-Erbgħa".

Minn dan jidher ċar u bla ebda dgħul li l-Imxerkin ta' Qumrân kienu jħarsu b'reqqa kbira il-kalendarju xemxi, mhux il-qamri, li kienu jħarsuh il-Qassisin ta' Ġerusalem. U aktarx li dan kien il-bidu tal-għelt li ġiegħel lill-Imxerkin ta' Qumrân jinġabru weħedhom fil-barr tal-Baħar il-Mejjet. U billi d-Dejr ta' Qumrân dam wieqaf sal-ħerba ta' Ġerusalem fis-sena 70, jidher ċar li r-Rhieb ta' hemm kienu jħarsuh sa mill-anqas erbgħin sena fuq il-mewt ta' Kristu.

7. *Żewġ mistoqsijiet hemmija* — Baqa' imma żewġ *kwistjonijiet*, jew mistoqsijiet kbar li jħollu u jorbtu t-teorija l-ġdida: (a), jekk il-kalendarju tax-xemx kien imħares biss mir-Rhieb ta' Qumrân, jew ukoll kien imħares min għadd kbir ta' nies oħra? (b), ngħidu li kien imħares minn wisq nies oħra; hemm xi ħaġa li ġġiegħel lil min jemmen li kien iħarsu Ġesù wkoll?

Għall-ewwel mistoqsija aktarx li għandna nwieġbu li iwa, għax ir-Rhieb ta' Qumrân kienu aktarx l-Essenîn li jsemmuhom ukoll Filôn il-Lhudi u Jusef Flavius. Dawn jgħidu li l-Essenîn ma kienux biss ħdejn il-Baħar il-Mejjet, imma kien hemm minnhom ukoll jgħixu mxerrdin fl-ibliet u fir-rħula tal-Palestina u s-Sirja. U l-"Ktieb tad-Dixxiplina" juri li kien hekk, għax jgħid li kull fejn ikun hemm għaxar imseħbin fix-Xirka, irid ikun hemm magħhom qassis. U la darba huma kienu jħarsu l-għejjieda, fuq il-kalendarju tax-xemx, ftit jew wisq kienu jġiegħlu lil nies oħra jagħmlu bħalhom, l-aktar fl-aqwa Għid tas-sena, Għid il-kbir.

8. *Xnija qadima fost l-Insara* — It-tweġiba għat-tieni mistoqsija hi aktar tqila minn tal-ewwel, għax s'issa ebda tweġiba sħiħa għadha ma nagħtat li sewwa San Ġwann il-Għammiedi kemm Ġesù kellhom x'jaqsmu mal-Essenîn, jew mar-Rhieb ta' Qumrân. Imma dit-teorija l-ġdida fuq dan ukoll għandha xi ħaġa fejn isserraħ. Dil-ħaġa hi li fost l-Insara l-ewlenija nhar t'Erbgħa u nhar ta' Ġimgħa kienu jumejn aktar imqaddsin minn jiem oħra, u fihom kien jeħtieġ li jsumu, saħansitra minn żmien l-Appostli: nhar ta' Ġimgħa għax dak inhar Ġesù miet, u nhar t'Erbgħa, għax dak inhar Ġesù kien maqbud mil-Lhud, għal hekk kien għalih il-bidu tat-tbatija (3). Ta' dan il-għidut li jiġbed miegħu li l-aħħar ikla ta' Ġesù kienet nhar t'Erbgħa, (jew kif ngħidu issa, it-Tlieta bil-lejl), għandna tliet xhidiet.

L-ewwel xhieda qegħda fil-kitba li jgħidulha: "Didaskalia" li aktarx inkitbet fil-bidu tat-tielet seklu, w.K. Fit-taqsima XXI, hemm miktub dal-kliem: "Nhar it-Tlieta Ġesù kiel il-Għid u bil-lejl kien maqbud. Nhar l-Erbgħa kien miżmum fid-dar ta' Kajfa, u dak inhar il-kbarat ftiehmu x'kellhom jagħmlu bih. Nhar il-Ħamis ħaduh għand Pilatu u kien miżmum għand Pilatu. Sbiħ il-Ġimgħa xlewħ quddiem Pilatu u dak inhar ukoll kien mislub u bata fuq is-salib sitt siegħat". Naħa oħra fid-"Didaskalia" miktub hekk: "(Jitkellem Ġesù:) nhar it-Tlieta kilt l-Għid magħkom u bil-lejl qabduni. Nhar l-Erbgħa sumu għal-Lhud, għax l-Erbgħa qabduni, billi lejl it-Tlieta jagħmel mal-Erbgħa. Il-Ġimgħa kont imsallab". Aktar 'il quddiem miktub dan: "It-Tnejn il-Qassisin ftiehmu f'Dar Kajfa biex jaqbdu lil Ġesù

qabel il-Għid u Jehuda ħa' l-ħlas tal-biegħa. It-Tlieta l-Qassisin għamlu l-Għid qabel jumu, biex ikunu jistgħu jaqbdu lil Ġesù, mingħajr għaġeb. Dak inhar Ġesù wkoll għamel il-Għid; u fil-lejl li bih jibda nhar l-Erbgħa, Jehuda tah f'idejhom. Il-Ġimgħa temmew egħmilhom il-ħajjen".

9. *It-tieni u t-tielet tismija* — It-tieni għidut hu ta' Sant'Epifanju Isqof ta' Salamina, f'Ċipru (miet fis-sena 403); dan jgħid kollox kif hemm miktub fid-"Didaskalia" u jeħodha ma' dawk li jemmnu li Ġesù kien maqbud il-Ħamis bil-lejl ("De Fide", XXII). It-tielet tismija hi ta' San Vittorinu Isqof ta' Pattau, fil-Pannonja (issa jgħidulha Ungerija), li miet martri fis-sena 304, fi żmien Djoklezjanu. Fil-ktieb tiegħu msemmi: "De Fabrica Mundi", jgħid dal-kliem: "Ir-Raba' jum jismu Tetras... il-bniedem Ġesù nhar l-Erbgħa kien maqbud mill-ħżiena, għalhekk għal qbid tiegħu fir-raba' jum nishru u nsumu; u l-Ġimgħa wkoll nishru għal Alla u nsumu, b'tifkira tat-tbatija ta' Ġesù Kristu".

Minn dan li għedna l-Professura Jaubert tgħid li t-twemmin li Ġesù kiel l-ikla tal-Għid it-Tlieta, u l-oħra li kielha l-Ħamis, huma ta' żmien wieħed, u għalhekk it-teorija tat-Tlieta hija aqwa u aktarx eqdem mill-oħra tal-Ħamis, għax li ma kienx hekk, ma kienx ikun hemm min iżommha la darba ma kenitx taqbel, kif jidher, mal-Evanġelji (4).

10. *It-Teorija l-Ġdida u l-Evanġelji* — Ħaġa li tidher mill-Evanġelji u ħadd ma jista' jmeriha hi li Ġesù għamel il-Għid tiegħu *qabel* il-Għid tal-Qassisin Lhud. Imma minn kliem San Luqa (XXII, 7), jidher li l-Għid ta' Ġesù kien Għid ukoll, mhux Għid barra minn żmienu. Għalhekk biex tfisser għaliex Ġesù għamel l-Għid qabel l-oħrajn, trid issib ir-raġuni ta' egħmilu, inkella kollu żmien mitluf.

Barra minn dan, la darba l-Għid ta' Ġesù sar *qabel* tal-Lhud, bħal ma sar jum wieħed qabel, ma għandhiex tittieħed b'ħaġa kbira jekk xi ħadd jgħid li sar qabel, mhux jum wieħed imma tlett ijiem. U jewilla l-Evanġelji jgħidu ċar li Ġesù għamel Għid il-Kbir tiegħu l-Ħamis? Li kien il-Ħamis jagħtik *taħsbu* l-għidut tal-Evanġelji (5). Dak li jgħidu ċar l-Evanġelji hu li Ġesù kien maqbud fil-lejl li għamel il-Għid; u billi l-Passjoni, mill-qabda sat-tislib, donnha saret kollha f'lejl wieħed u n-nhar ta' wara, in-nies qatgħet li Ġesù għamel l-ikla tal-Għid fil-għaxija ta' qabel mewtu, jiġifieri l-Ħamis.

Ebda wieħed mill-Evanġelisti ma jsemmi ż-żmien ċar tal-ġimgħa tal-Passjoni (6). Biex tagħrafha trid tibda mill-ikla ta' Betanja imsemmija minn San Ġwann (XII, 1 u wara), li saret is-Sibt fil-għaxija, sitt ijiem qabel il-Għid (tal-qassisin Lhud). Il-għada Ġesù daħal it-Tempju fuq il-ħmara u wara dan San Ġwann jaqbeż fil-ħasil tar-riġlejn, qabel l-aħħar *ċena*. X'għamel Ġesù wara dak il-jum jgħiduhulna s-Sinottki, l-aktar fosthom San Mark (7). Dan jgħid ċar li Ġesù wara d-daħla, qagħad idur mat-Tempju, u meta sar il-ħin, tala' u nġabar Betanja. Il-għada fil-għodu niżel Ġerusalem u fit-triq seħet is-siġra tat-tin, u meta wasal it-Tempju, keċċa minnu l-bejjiegħa. Imbagħad qagħad jgħallem u fil-għaxija raġa' tala' Betanja. Il-għada wkoll (it-Tlieta) fil-għodu raġa' niżel Ġerusalem, u fit-triq l-Appostli raw it-tina niexfa. Meta wasal it-Tempju l-Qassisin saqsewh fuq il-jedd li kellu; qagħad jgħallem, u fil-għaxija għajjarhom tgħajjira u mar inġabar mill-

ġdid Betanja. Hawn fisser lill-Appostli l-ħerba li kellha tiġi fuq Ġerusalem. Hawn l-Evanġelisti, Mark u Mattew, jagħtu tagħrifa taż-żmien: *li kien baqa' jumejn għall-Għid.* Imbagħad isemmu l-ikla ta' Betanja (li San Ġwann qal li saret is-Sibt ta' qabel), u wara, ħin bla waqt, il-Passjoni.

Issa, la darba l-ikla tal-Għid Ġesù għamilha *jumejn wara* t-Tlieta filgħaxija, kif kitbu Mark u Mattew, (jiġifieri kien il-Ħamis fil-għaxija, għax il-jumejn kienu l-Erbgħa kollha u l-Ħamis bi nhar, billi l-Ġimgħa kienet tibda l-Ħamis wara nżul ix-xemx), dawk il-jumejn, kif qalu s-Sinottki; fil-ħajja ta' Ġesù, jiġu jumejn battala. X'għamel Ġesù matul dawk il-jumejn? Jista' qatt ikun li qagħad miġbur, fi żmien hemmi bħal dak? (8)

11. *L-aħħar Ġrajja* — Għalhekk wieħed jista' jaħseb li l-aħħar ikla saret mill-ewwel wara l-ġrajjiet ta' nhar it-Tlieta; hekk jiġi li Ġesù ħareġ mit-Tempju u tala' ż-Żejtun biex jibqa' sejjer Betanja u qagħad ftit bilqegħda jitħaddet mal-Appostli sakemm isir il-ħin għall-ikla tal-Għid. Kollox kien imħejji, għax Ġesù kien bagħat lil Pietru u lil Ġwanni fuq Sijon għal daqshekk. Bil-lejl Ġesù mar iċ-Ċenaklu mat-tnax (billi ma riedx juri għand min sejjer jiekol, għamel ta' bir-ruħu li nġabar Betanja (9). Jehuda ma kellux jibda xogħlu sa kemm ma jagħtihx il-ħalla, jew *permess*, Ġesù. Malli Ġesù qallu jitlaq, Jehuda telaq u mar sab l-egħdewwa, li kienu wkoll imħejjija.

Għalhekk donnu li t-Tlieta filgħaxija kien l-ewwel jum tal-Għazim, "meta kellu jinqatel il-ħaruf" (Mk, XIV, 22; Matt, XXVI, 17; Luqa, XXII, 7). Għal dan fit-tagħrifa taż-żmien li semmew Mk. u Mt, mhux l Għid ta' Ġesù, imma l-Għid tal-Lhud li kien fadallu jumejn, għax kellu jibda l-Ġimgħa fi nżul ix-xemx (10). Hekk il-jumejn il-battala jimtlew bil-"proċess" ta' Ġesù.

12. *Il-Ġrajjiet tal-Passjoni.* — Il-jumejn moħlijin fil-"proċess" ta' Ġesù, mhux biss li jimlew il-fieragħ fiż-żmien tal-Ġimgħa tal-Passjoni, imma donnhom ukoll mitluba, meta taħseb li qisha ħaġa li ma tistax tkun li fi żmien ta' xi tnaxer siegħa jseħħu l-ġrajjiet kollha tal-Passjoni msemmija mill-Evanġelisti (11). U dan aktar jgħaġġbek meta wieħed iżomm ma' San Mark (XV, 26) li Ġesù kien mislub fid-disgħa ta' fil-għodu, mhux f'nofs inhar.

Mela kif kitbu s-Sinottki, fi tliet siegħat, jew l-aktar, sitta, irid isir dan kollu: 1. fil-għodu, laqgħa tas-Sanħedrin; 2, l-ewwel laqgħa quddiem Pilatu, fil-Pretorju; 3, Pilatu jibgħat lil Ġesù għand Erodi; 4, it-tieni laqgħa quddiem Pilatu, li fiha jġarrab li jeħelsu; 5, Pilatu jġarrab jibdel lil Ġesù ma' Barabba; 6, swat, u tmasħir tas-suldati Rumani; 7, tielet laqgħa quddiem Pilatu; 8, it-tmexxija lejn il-Kalvarju. Jista' jkun li dan kollu jiġri fi żmien hekk qasir? Jagħtik taħseb li le! (12)

It-tifsir ta' dan it-tfixkil li ngħata s'issa (minn ħadd ieħor) għadu lura wisq biex iġiegħel lil min jemmnu. Imma jekk wieħed jieħu dit-teorija l-ġdida li għandha bħala sies tagħha l-kalendarju tax-xemx, jekk ma jgħibx kull tfixkil, tal-anqas, il-ġrajjiet kollha jkunu mifhuma, u ħin wieħed, jibqgħu fi mkienhom kif jinsabu miktuba fil-Passjoni. (**)

---

(*) Din it-teorija nħolqot fis-sena 1954, u għall-ewwel li ħarġet donnha li ngħoġbot, u kienet imsemmija, fit-tul jew fil-qosor, minn għadd kbir fost ir-rivisti kattolki ta' barra, u milqugħa wkoll minn

Patri Vogt, ir-Rettur ta' l-Istitut Pontifiċju tal-Bibbja f'Ruma. Issa l-ħeġġa għaliha donnha birdet; imma billi dan il-"Qari" tagħna, għalkemm żgħir u fqajjar, jixtieq ikun "up to date" kemm jista', ma jridx li jħalli bla ma jgħarraf biha lil qarrejja tiegħu. B'dana kollu d-Direzzjoni ta' dal-"Qari", ma taqbilx mat-teorija tal-Professura Jaubert. — (Dawn in-noti huma kollha ta' l-Editur).

(1) Ara n-noti ta' l-aħħar.

(2) Ara l-kitba fuqhom li xandarna f'dal-"Qari", għadd 4, 1957, u għadd 1, 2, u 3, 1958.

(3) Lejliet l-Erbgħa, jiġifieri t-Tlieta wara nżul ix-xemx, kien tassew il-bidu tal-Passjoni ta' Ġesù, għax f'dik il-lejla Jehuda mar ftiehem mal-Qassisin biex jagħtihulhom f'idejhom. Ara Mk. XIV, 10; Mt. XXVI, 14; u Lq., XXII, 3-4. Minn dan xterdet ix-xnija li Ġesù beda jbati lejliet l-Erbgħa.

(4) Ma tidhirx li hi raġuni tajba. Għax in-nies li bdew ixerrdu dil-fehma setgħu kienu preġudikati mill-fehma li kollox kellu jibda nhar t'Erbgħa, għax fir-Raba' Jum kienet inħalqet ix-xemx u b'hekk beda ż-żmien. Riedu jgħadduha li nhar ta' Erbgħa wkoll bdiet il-Fidwa tal-Bnedmin.

(5) Xi trid aktar minn hekk? L-Evanġelisti ma kellhomx jobsru x'kien sa jingħad minn ftit nies wara, għalhekk ma għamlux enfasi fuq il-Ħamis.

(6) Din l-asserzjoni ma tidherx tajba, għax San Mark għandu djarju ċar ta' l-aħħar ġimgħa fil-ħajja ta' Ġesù, kif ukoll ammess f'dil-kitba, aktar 'l isfel. Dak li ma jdherx ċar wisq hu biss, jekk l-ikla għand Xmun ta' Betanja kenitx it-Tlieta (li hija aktarx) jew l-Erbgħa fil-għaxija.

(7) Ara dak li għedna fin-nota ta' qabel.

(8) Għax ma għandux ikun hemm jumejn battala? Kif jidher minn kliem Ġesù li sa mit-Tlieta fil-għaxija, imqar bħala bniedem, kien jaf li wasal għall-mewt. Għax ma kellux jagħmel jumejn ta' theijija, bħal ma' ta' bniedem, fil-Ġnien tal-Ġetsemni, baża' mill-mewt?

(9) Anqas din it-tinbiha ma tidher sabiħa. Jista' jkun li Ġesù jagħmel din il-mossa biex iqarraq bin-nies? M'hux talli minnha nfisha tidher li ma tixraqlux, talli mkien fl-Evanġelju ma hemm xi ħaġa li tixbaħha. U oħra: la darba Pietru u Ġwanni kienu fuq Sijon iħejju ċ-Ċena (Luqa, XXII, 8-13), it-*Tlieta* fil-għaxija, skond il-Professura, kif jista' jkun li *fl-istess ħin*, kienu wkoll fuq il-Muntanja taż-Żebbuġ, u saqsew lil Ġesù fuq il-ħerba ta' Ġerusalem (Mark, XIII, 3)? Jewilla l-Appostli kienu erbatâx, u kien hemm tnejn jisimhom Pietru u tnejn oħra jisimhom Ġwanni?

(10) Għad li dawk li kitbu l-Evanġelji jidher li kienu nies sempliċi (u sinċieri) ma hemm ebda sinjal li kenu sa jilgħabu bid-diskors, u daqqa jsemmu Għid u daqqa jsemmu ieħor; daqqa l-Għid ta' Ġesù u daqqa l-Għid tal-Lhud. Il-Għid ta' Ġesù kienu jum il-Ġimgħa; għalhekk, it-Tlieta fil-għaxija, wara nżul ix-xemx kien baqa' jumejn sew: l-Erbgħa kollha (għax l-Erbgħa kienet tibda t-Tlieta wara nżul ix-xemx), u l-Ħamis kollu, sa fil-għaxija. Jiġifieri, il-jumejn kienu: minn inżul ix-xemx tat-Tlieta sa nżul ix-xemx ta' l-Erbgħa, jagħmlu jum; u minn nżul ix-xemx ta' l-Erbgħa sa nżul ix-xemx tal-Ħamis, jum ieħor. Fi nżul ix-xemx tal-Ħamis, għal Ġesù u l-Appostli, beda l-Għid, għalhekk iċ-Ċena tal-Għid għamluha l-Ħamis fil-għaxija.

(11) Jidhirlu hekk, imma, min ma jafx xi ftit arkeoloġija ta' Ġerusalem, u ma jistudjax xi ftit bir-reqqa l-Evanġelji.

(12) Hawn il-ġrajja tal-Passjoni qegħda mqattgħa biċċa biċċa, biex tagħti mpressjoni ta' tul. Imma għandu wieħed ikun jaf li l-laqgħa tas-Sanhedrin saret fid-dar ta' Qajfa, qrib ħafna għal Palazz ta' Erodi, fejn sata' kien jgħammar Pilatu għal jiem tal-Għid. Erodi Antipa aktarx li kien ukoll qiegħed f'dak il-Palazz, li kien kbir sewwa u kellu qatiegħ taqsim. Għalhekk il-ġrajjiet kollha, mil-laqgħa tas-Sanhedrin sal-kundanna, saru kollha qishom post wieħed. Jekk Pilatu kien fil-Palazz ta' Erodi, minn hemm sal-Kalvarju ma hemmx ħlief 400 jarda bogħod, għan-niżla, u billi Ġesù ma rafax is-salib ħlief ftit wieħed, kellhom jaslu malajr. Jekk Pilatu kien fil-Fortizza Antonja, fuq ir-riħ tat-Tempju, mill-Qorti tas-Sanhedrin sa hemm, hemm xi ħaġa fuq it-300 jarda bogħod, u Antipa sata' wkoll kien fl-istess Fortizza, li kien bnieha missieru. Mill-Antonja sal-Kalvarju hemm xi 350 jarda bogħod, l-ewwel niżla mbagħad telgħa, u billi Ġesù ftit dam bis-salib fuqu (ara l-Evanġelji Sinottiki) sata' wasal il-Kalvarju qishom f'għoxrin minuta mixi, jew l-aqwa, f'nofs siegħa. Għalhekk kull ma hawn miktub f'dan il-paragrafu fuq il-ġrajja li ma jistgħux jidħlu fiż-żmien, kollu tagħġib.

(**) Għalkemm dit-teorija tkun ħaġa tassew kbira biex għad tiġi milqugħa bħala storika, il-Professura Jaubert għandha mertu kbir ġmielu għax-xogħol ta' tfittxija li għamlet u talli wriet li kien hemm Insara fl-ewwel żmenijiet tal-knisja li kienu jgħidu li l-Passjoni ta' Ġesù bdiet it-Tlieta, m'hux il-Ħamis, ħaġa li ftit nies kienu jagħtu kas tagħha. U billi xejn ma jsir minn xejn, jidher li dil-fehma biex tnisslet kellha żewġ kawżi: (a), li l-ftehima ta' Jehuda u l-Qassisin kontra Ġesù saret it-Tlieta fil-lejl, għalihom, il-bidu ta' l-Erbgħa; u (b) il-Kalendarju tax-xemx, li għal min kien iżommu, kollox jibda jum l-Erbgħa, saħansitra l-Fidwa tal-bnedmin. Il-kawża li Ġesù għamel l-Għid tiegħu (u aktarx tal-Galilin li ġew miegħu) jum qabel il-Lhud, l-aktar probabbli hija dik li qal id-Dumnikan Professur Lagrange: li Ġesù ra l-qamar ġdid qabel l-Lhud, minn fuq it-Tabor, li jidher minn fuqu l-baħar ta' Ħajfa, in-naħa tal-Għarb.

# GERIKU

Donnu l-bieraħ, imma diġa għaddew 34 sena minn mindu mort inżur lil Ġeriku! Għadni niftakar x'ħassejt ġewwa fija meta rfist fuq dik l-art u qaluli: Hawnhekk Ġeriku! Min-naħa l-waħda la tgħidx kemm fraħt għax ġibt quddiem għajnejja li hemm hekk, darba ilu, l-Arka ta' l-Għaqda l-Qadima ġiet imdawwra mal-belt għal seba t'ijiem sħaħ u, li fl-aħħar jum, fost id-daqq tat-trombi u l-għajjat tal-poplu, iġġarfu s-swar tagħha (Jos. VI). U dak in-nhar biss stajt nifhem kif dan seta' jiġri, għax fl-aħħar mill-aħħar, kif jien innifsi rajt b'għajnejja mill-fdalijiet tal-belt qadima, is-swar ta' Ġeriku kienu ftit iktar b'saħħithom u ftit iktar għoljin mill-ħitan tas-sejjieħ tal-għelieqi tagħna.

Fraħt meta ġibt quddiem għajnejja li dik il-belt kienet saret skola tal-Profeti u l-iktar ta' Elija u ta' Eliżew. Imma, min-naħa l-oħra, ħassejt bħal dwejjaq jaqgħu fuqi meta rajt b'għajnejja f'liema sura kienet tinsab issa dik il-belt li, minħabba l-ġonna sbieħ tagħha mimlijin ward liema bħalu u siġar tal-balzmu, u li minħabba l-arja ħelwa tagħha, kienet il-għaxqa ta' dawk li, fix-xhur tax-xitwa, kienu jqattgħu hemm il-btajjel tagħhom. Ingħid is-sewwa, jiena hemm ma rajtx ħlief biss ftit djar qodma mxerrdin 'l hawn u 'l hinn f'dik il-wita' kollha u ftit nies fqar, tar-raba'. Niftakar li rajt ukoll knisja ċkejkna tal-Patrijiet tat-Terra Santa u knisja oħra ċkejkna tal-Griegi; kien hemm ukoll bħal xi lukandi żgħar biex jilqgħu fihom lil dawk li jmorru jżuru dawk l-inħawi. Imma, x'difrenzja, għidt bejni u bejn ruħi, minn dak iż-żmien ta' l-Iżraeliti jew miż-żmien tal-Kroċjati li, fis-seklu XI u XII, kienu bnew mill-ġdid il-belt ta' Ġeriku u għamluha belt sabiħa!

Iżda jien ftit kelli żmien x'nitlef u għalhekk bqajt miexi biex nara l-"Għajn ta' Eliżew" li n-nies ta' dak il-post, il-Għarab, isejħulha "Għajn is-Sultan". Din in-nixxija jew għajn tissejjaħ "Ta' Eliżew" għax dan il-Profeta, imqanqal mit-talba li għamlulu n-nies ta' Ġeriku, qabad ponn melħ u, filwaqt li xeħtu ġewwa dik l-għajn, l-ilma li kien morr u ħażin, issa sar ħelu u tajjeb għax-xorb u għas-saqi (IV Reg., II, 19).

Minn hawn, imbagħad, bqajt sejjer nara l-"Muntanja tal-Qwarantena"

li, l-Arab, isejħulha "Ġebel Qarantul". Imma, qabel ma wasalt taħt din il-muntanja għolja, għaddejt minn quddiem il-fdal ta' mitħna antika, aktarx tas-seklu XII, li tissejjaħ Tawaħin is-Sukkar", għax hemm hekk kien isir iz-zokkor. Meta, imbagħad, wasalt taħt il-muntanja żonqrija, fin-naħa tal-vant u ta' nofsinhar tagħha, jiena lmaħt għadd kbir kienu telqugħ għal kollox, fis-sena 1874 waqa' f'idejn il-Patrijiet griegi xismatki u għadu għandhom sal-lum.

Sakemm tlajt sa dak il-għar tas-sawm ta' Kristu ġbidt iktar minn 25 minuta għaliex it-triq hija wisq imwegħra. Minn hawn bqajt tiela' għal għand il-Patrijiet griegi u, f'ħin ta' nofs siegħa, sibt ruħi fuq xifer mhux inqas għoli minn 300 metru. Għajjejt



Dehra ta' biċċa mill-belt ta' Ġeriku, kif kienet meta żarha l-Professor Tabone li kiteb dil-kitba. Daż-żmien hi wisq isbaħ minn hekk, għax inbnew fiha qatigħ djar ġodda u lukandi.

ta' għerien ta' kull daqs u ta' kull għamla. F'wieħed minn dawn il-għerien Kristu nnifsu kien għadda erbgħin jum u erbgħin lejl f'sawm l-iktar aħrax bla ma jieħu xejn biex jitrejjaq; minn ġewwa dak il-għar ukoll ix-xitan qabad lil Kristu u ħadu fuq il-quċċata ta' dik il-muntanja biex iġagħlu jgħir u jwaqqgħu fil-ħtija (Luk. IV, 5).

Dan il-għar li semmejna, mażżmien, ġie mibdul f'kappella; imma, billi l-kanonki tas-Santu Sepulkru sakemm tlajt hemm fuq, imma dik il-wita' ta' bla qies sew fit-tul kemm ukoll fil-wisa' tagħha li kelli quddiem għajnejja, żiditli l-ferħ, qawwietli qalbi u tatni saħħa ġdida. U kif kont nieżel minn fuq il-muntanja minnaħa tat-tramuntana, wara siegħa oħra mixi, mort inżur "Għajn Duk" u "Għajn Nwajmeh" li l-ilma tagħhom bnin jibqa' nieżel iserrep lejn il-wied li jagħti għal ĠORDAN li fuqu nitkellmu darb'oħra.

Dun Anton Tabone.

## QWIEL TA' SAN PAWL

*Ou gar oi akroatai nomou, dikaioi para to Theo, all'oi poietai nomou dikaiothesontai.* Mhux dawk li jisimgħu l-liġi, ikunu sedqin m'Alla, imma dawk li jagħmlu l-liġi, jisseddqu (Lir-Rumin, II, 13).

* * *

*Dikaiothentes ek pisteos, eirenen ekhomen pros ton Theon dia tou Kyriou emon Iesou Khristou.* Meta nisseddqu bit-twemmin, ikollna s-sliema m'Alla, b'sidna Ġesu Kristu (Lir-Rumin, V, 1).

# OMM ĠESU'

Dik li aħna nsejħulha *Madonna* (kelma Taljana li tfisser Sidt, jew Sinjura), meta kienet fid-dinja, tgħix fid-dar tagħha bħan-nisa l-oħra, il-ġirien kienu jgħajtulha, bil-lsien tagħhom: "Umm Joxwa", li kif nitkellmu hawn Malta, tfisser: "Omm Ġesù".

Dan nafuh għax fil-Palestina fejn kienet tgħix din il-Mara, iż-żmien jew wieqaf jew jgħaddi bil-qajl wisq. Id-drawwiet hemmhekk, jew jibqgħu li jkunu jew jitbiddlu ftit kemm-kemm. U hemm hekk għadhom s'issa: lil mara ma jgħajtulhiex Karmni, jew Peppa, jew Katarin; imma jsibuha b'isem binha: omm Pawlu, jew omm Kola, jew omm Saver.

Issa, dan hu l-isem l-aktar sabiħ li jista' jingħata lill-Madonna. Għandha isem ieħor, kbir ukoll, li hu: "Omm Alla", imma dan fih naħa waħda, in-naħa tad-Divinità ta' Ġesù, u ma jsemmix l-Umanità. Imma "Omm Ġesù" fih żewġ naħat, għax juri li hi Omm ta' Dak li Hu Alla u Bniedem. Dak li bħala Alla għad irid jagħmel ħaqq minn kulħadd, u bħala Bniedem sallbuh fuq is-salib.

* * *

Omm Ġesù! Omm Dak li bil-kelma biss kellu l-ħila jbiddel wiċċ l-art!

L-omm hija l-aqwa nies tad-dar, għax l-ulied magħha jkunu msensla l-ewwel snin ta' ħajjithom. Minnha jixorbu l-ewwel tagħlim. Lil Ġesù, bħala bniedem, Ommu għallmitu jitkellem. Ommu darrietu d-drawwiet ta' pajjiżu u ta' żmienu. Bħala bniedem ħa l-karattru tiegħu minn Ommu, bħal tfal oħra. Kemm hi mela kbira Omm Ġesù li tat lil Binha dak il-karattru temmi u qawwi, li ġibed miegħu n-nies ta' żmienu u għadu jiġbed, u jbażża' lin-nies tal-lum!

* * *

Kellha xorti kbira Omm Ġesù, imma xorti li tassew tixirqilha!

X'xorti kellha li ġġib fid-dinja lil Dik it-Tarbija mħabbra mill-Profeti u mistennija min-nies it-tajba kollha ta' l-antik. Dik it-Tarbija li kienet il-ħolqa tar-rabta bejn iż-żewġ Għaqdiet, il-Għaqda l-Qadima u l-Għaqda l-Ġdida. Iġġib fid-dinja lil Dak li kellu meta jikber jifred id-dawl middlam it-tajjeb mill-ħażin! Kemm-il darba qagħdet imbissma tħares lejn wiċċu, waqt li kien jerda' l-ħalib minn sidirha! Kemm-il darba raqqditu mgħannaq fi ħdanha, u tagħfas wiċċha bil-għożża max-xagħar ta' rasu! Hi żammitu mill-wejda u għallmitu jimxi Hi għallmitu jitkellem dik l-ewwel kelma "Abba!" li kellu wisq jinqeda biha u jinfed il-qalb tannies ta' rieda tajba, 'il quddiem.

* * *

Omm Ġesù fil-ħajja ta' Binha kellha hemma kbira, għad li moħbija!

L-Evanġelju ta' S. Ġwann, għad li jidher imħawwad, fih ħafna ġrajjiet li jien inħobb insejħilhom "searchlights", daqs kemm fihom dawl. Waħda minn dawn hija l-ġrajja tal-għors ta' Kana l-Galil, li tagħti dawl qawwi fuq il-hemma jew *importanza* li Omm Ġesù kellha fix-xogħol ta' l-Iben tagħha.

Resqet fuq Binha u qaltlu: "Ma baqgħalhomx inbit!"

Weġibha Ġesù: "*Ma-lek u ma-li, ja Imra? Sagħati ma aġat bagħad!*" Jiġifieri: "Għalfejn qiegħda tgħid lili, ja Kmanda? Il-waqt li nagħmel jien minn rajja għadu ma ġiex!"

Għalhekk, Dik li Ġesù għajtilha Kmanda (Imra jew Emira, jiġifieri Sultana) ikkmandat lill-qaddejja li jagħmlu dak li Binha jgħidilhom. U ma qaletx Lilu: "Ġiegħel li jkun hawn l-inbit!" Imma għamlet, jew *ikkmandat* lill-qaddejja.

Kemm fiha reqqa u kemm fiha fuqiex wieħed jaħseb din li ma ikkmandatx lilu! Għax bħala omm li tikkmanda lil binha qiegħda sewwa, imma bħala maħluqa tikkmanda lill-Ħallieq, ma hix. U dak li rieditu jagħmel ma kienx xi ħaġa ta' din id-dinja. Hija ma rieditux, ngħidu aħna, jġibilha xi banketta sabiex toqgħod bil-qiegħda, egħmil li kull omm għandha l-jedd li tqabbad jagħmel lil binha. Xtaqitu jinqeda bil-qawwa tiegħu ta' Alla u jbiddel l-ilma f'inbit.

Imma Hi, biex ingħidu hekk, qabdet lil Binha fil-kelma. Hu sejħilha Kmanda, u Hi ikkmandat lill-qaddejja. Ikkmandathom ħaġa żgħira, ħaġa tad-dinja: li jagħmlu dak li jgħidilhom Hu.

Kemm hi ċara hawnhekk ir-reqqa, it-temma, il-perfezzjoni tal-ħsieb tal-Madonna! Tassew li kellu Omm tixraqlu Ġesù!

* * *

Ja Omm Ġesù, ja Mirjam, fis-sema fejn tinsab ħu ħsiebna, imsejkna bnedmin, bħalma ħadt ħsieb il-ħaddara ta' Kana l-Galil! Meta tarana fit-taqbida mal-għedewwa, ersaq quddiem Ibnek u għidlu: "Ma għandhomx aktar saħħa!" U hu jgħidlek: "Inti Kmanda!" u arġa' amar lill-qaddejja tas-sema jagħmlu kif jgħidilhom Ġesù. Dan li nitolbu minnek. Għax inti Omm tal-ħniena, ħajja, ħlewwa u tama tagħna, f'dan il-wied tad-dmugħ! Fra MARJANU.

## "DIN" u "RELIGJON"

Il-kelma *Religjon* hi Latina: *Religio;* u ġejja minn żewġ kelmiet im-waħħla ma' xulxin: *re-ligare,* li jfissru: *torbot flimkien.* Jiġifieri, r-Reliġjon hi dik il-ħaġa li torbot flimkien lil dawk in-nies li jkunu jemmnu biha.

Il-kelma Din (jew aħjar Dijn) hi kelma Xemija, jew Kangħanija, li tfisser *dejn.* Kull ħadd jaf x'iġifieri dejn: jiġifieri: *dak li għandek tagħti,* għax ikollok id-dejn ifisser li għandek tagħti xi ħaġa lil xi ħadd. U billi l-bniedem ma jagħraf lil ħadd għajr lill-Alla u lill-għajru (jiġifieri lin-nies l-oħra) id-Din jiġifieri: *dak li għandna nagħtu lil Alla u lill-għajrna,* jew lil "proxxmu" tagħna.

Minn dan jidher kemm hi aħjar il-kelma *Din* mill-kelma *Religjon.* Għax ir-rabta ta' flimkien tista' tkun ta' wisq xorta: għax nitkellmu lsien wieħed; għax inkunu qraba', jew demm wieħed; għax inkunu lewn wieħed, somor, jew bojod, jew suwed jew sofor. Imma l-kelma *Din* ħaġa waħda biss tfiisser: *id-dmirijiet li għandek lejn Alla u n-nies bħalek* (u għandu jkun lejn il-bhejjem ukoll, għax fil-Liġi t'Alla jissemma li ma għandekx tħaddem il-bhejjem nhar ta' Sibt, anqas torbot ħalq il-baqra hi u tidres). Bħalma qal Sidna Ġesù lil dak ir-raġel; qallu: L-ewwel amar: *Ħobb lill-Alla b'kull ma fik;* u t-tieni; *Għożż lil għajrek bħalek innifsek.*

Imbagħad issib nies, hawn Malta, li jiskerrħu l-ilsien Malti u jgħollu l-ilsna barranin! Puff! Aħna l-Maltin, kemm sa ndumu boloħ!

# L-ATTIJIET BIL-GHARBI

## Fagħal il-Imàn

Ja Ilâhi, ana nu'men imân thâbet bi innek Ilâh wâħed fi tħalât aqanîm, mutmajjiżin: Ab, wa Iben wa Ruħ Qodos. Wa nu'men bi enn il-Iben sar insân wa tqallam wa mât għala s-salib li eġel muħabbitna. Wa qâm fil-jum ith-tħâlat. Wa nu'men bi ennu juġed sama èbedi lis-saleħîn wa ġeħennem ebedijja lit-taleħin. Wa kull ma tu'men biħ u tgħallèmhu il-kenisja l-muqaddsa, li ennek Ent, il-ħaqq il-ewwel, il-munużżaħ għan il-għalat, qadd alanthu leħa.

## Fagħal ir-Raġġħa

Ja Ilâhi, ana arġu il-ħajja l-ebedijja, wa magħfra ħatajaj, wa l-wasa'el il-ħusul għaliha, bi staħqaqât sejedna Jesugħ l-Mesih wa agħmel is-sâleħa lleti ana qâsed li agħmilha bi magħuntek il-muqaddsa; li ennek Ent il-qâder għala kull xej, wa l-emîn fi l-għâjat, qadd wegħedtni bi żâlak.

## Fagħal il-Muħabba

Ja Ilâhi, ana iħibbek minn kull qalbi wa minn kull nefsi wa minn kull żeti, li ennek Inti s-sâlaħ għajr il-mutnâħi wa minn eġel muħabbtek ana aħibb kull men aħta għalija.

## Fagħal in-Nadàma

Irħamni, ja Rabb, fi inni nêdem minn kull qalbi għala iħânti ajjak, li kewni bil-ħatija qadd aħant wa għeżt Ilâħa ħâkada għażîm wa sâleħ wa maħbub nażirak. Fa minn alân wa sagħad, ana qâsed bi magħuntek il-Ilaħija enn la agħiżek ebedan li enni aħubbak fuq kull xej.

## Att tal-Fidi

Alla tiegħi, jiena nemmen bi twemmin sħiħ, li Inti Alla Wieħed fi tliet Persuni magħżulin: Missier, Iben u Ruħ il-Qodos. U nemmen li l-Iben sar bniedem u bata u miet fuq is-salib, għall-imħabbitna, u qam fit-tielet jum. U nemmen li hemm sema ta' dejjem lit-tajbin u nfern ta' dejjem lil ħżiena. U kull ma temmen biħ u tgħallmu l-Knisja Mqaddsa, għaliex Inti li Int il-Ħaqq ewlieni u li ma tistax titqarraq, għarraftulha.

## Att tat-Tama

Alla tiegħi, jien nitma' l-ħajja ta' dejjem, u l-maħfra ta' ħtijieti, u l-mezzi biex niksibhom bil-merti ta' Ġesù Kristu u bl-egħmil it-tajjeb li bi ħsiebni nagħmel bil-għajnuna mqaddsa tiegħek; għaliex Inti, li tista' kollox u żżomm il-kelma, wegħedtni dana.

## Att tal-Imħabba

Alla tiegħi, jien inħobbok minn kull qalbi u minn kull ruħi u minn kull ma fija, għaliex Inti tjieba bla tarf, u għall-imħabba tiegħek inħobb ukoll lil kull min ħata għalija.

## Att tal-Indiema

Ħenn għalija, Mulejja, għax jien niedem minn kull qalbi għax regħextek. Billi jien bil-ħtija regħext u maqdart Alla hekk kbir u tajjeb u maħbub bla qies. U minn issa 'l quddiem bi ħsiebni, bil-għajnuna mqaddsa tiegħek ma nidnibx iżjed, għax jiena nħobbok fuq kollox.

# KEMM L-ITTRA KITEB SAN PAWL?

Fil-Bibbja għandna erbatax-il ittra ta' S. Pawl: waħda lir-Rumani, tnejn lill-Korentin, waħda lill-Galatin, waħda lill-Efesin, waħda lill-Kolossin, tnejn lit-Tessalonkin, waħda lil Filemon, tnejn lil Timotju, waħda lil Titu, waħda lil-Lhud. Iżda xi ħadd jista' jistaqsi: Barra minn dawn l-ittri kiteb S. Pawl xi ittri oħra li huma mitlufa?

Għal din il-mistoqsija nistgħu nwieġbu: Jekk S. Pawl kiteb xi ittri oħra li ntilfu, dawn l-ittri ma jiswewlna xejn, għax ma nistgħux naqrawhom iżjed u anqas ma nafu x'kien fihom. Imma la darba l-għorrief isemmu din il-kwistjoni, ngħidu xi ħaġa fuqha aħna wkoll.

Fl-Ittra lill-Kolossin (4, 16), naqraw: "Meta tinqara minkom din l-Ittra, qisu li tinqara fil-knisja tal-Laodikin ukoll, u li intom taqraw dik ta' Laodikija". Mela S. Pawl kiteb ittra lill-insara Laodikin li ma għadhiex aktar ħajja. Intilfet għal kollox. Ittra lil Laodikin għadha teżisti, imma mhix miktuba minn S. Pawl u mhix dik li jsemmi hu. Barra minn din l-ittra falza lil Laodikin hemm ittra oħra lill-Korintin, oħra lill-Insara ta' Lixandra, u xi ittri bejn S. Pawl u l-kittieb Ruman Seneka. Dawn l-ittri kollha, għalkemm iġibu l-isem ta' S. Pawl qatt ma kienu magħrufin mill-Knisja bħala kitba ta' S. Pawl.

*L-Ittra lil Laodikin.* Ħafna għorrief jaħsbu li din l-ittra hi l-istess lill-Efesin. Imma lil min kienet mibgħuta, lill-Efesin jew lil Laodikin? Il-Kelmiet "li huma f'Efesus" li jinqraw fl-Ittra lill-Efesin kap 1 u vers 1, aktarx li mhumiex miktubin minn S. Pawl, imma miżjudin wara. F'xi manuskritti mill-iktar qodma ma jinqrawx u l-ittra ma turi l-ebda rabta mal-Efesin, għalkemm nafu mill-Atti 19, 10 li S. Pawl dam aktar minn sentejn f'Efesus u hemm ħadem kemm felaħ (Atti 20, 18-20). Għalhekk igħidu li din l-ittra kienet mibgħuta lil Laodikin, imma dan l-isem kien imħassar imħabba dak li kiteb fuqhom S. Ġwann fl-Apokalissi 3, 14-22. Floku mbagħad daħal l-isem ta' Efesus, belt magħrufa, marbuta ma' l-Appostlu u li ma kellha l-ebda ittra.

*L-Ittri lill-Korintin.* Barra miżżewġ Ittri lill-Korintin li għandna jidher li S .Pawl kitbilhom xi ittri oħra li ntilfu. Fl-ewwel ittra lill-Korintin 5,9 S. Pawl jgħid li hu kitbilhom biex ma jagħmluhiex man-nies żienja. Dit-twissija ma naqrawha fl-ebda ittra, għalhekk jaħsbu li S. Pawl kien kiteb xi ittra oħra li ntilfet. Iżda l-kelma 'ktibt' tista' tfisser ukoll 'nikteb'. Dan jiġri sikwit fl-ittri Griegi u Latini li fihom *ktibt* tiswa *nikteb*. Dan jidher ċar f'din l-ittra stess. L-ewwel (5, 9) S. Pawl igħid *ktibt* (*egrapsa*), imbagħad fil-vers 11 jerġa' jgħid *issa ktibt* (*egrapsa*). It-tieni *egrapsa*, li għandu miegħu l-avverbju *issa*, ifisser żgur *nikteb* jew *qiegħed nikteb*. Mela l-ewwel *egrapsa* għandu jfisser ukoll *nikteb* jew *qiegħed nikteb*. Mhemmx għalfejn ngħidu li S. Pawl kien kiteb ittra oħra li ntilfet. Iżjed: Fit-tieni ittra lill-Korintin (2,4) igħidilhom li kitbilhom b'ħafna dmugħ. Liema hi din l-ittra tad-dmugħ? Xi għorrief igħidu ċar u tond li hi ittra mitlufa. Oħrajn jaħsbu li hi t-tieni taqsima ta' din l-ittra,

jiġifieri 10-13. Il-kwistjoni hi mħabba u ma nistgħux naslu għal konklużjoni ċerta. Ngħid għalija l-fehma tiegħi hi din: Jekk l-ewwel insara żammew u ma ħallewx tintilef ittra qasira bħalma hi l-ittra lil Filemon mibgħuta lil persuna privata, kif ma żammewx u kif ħallew jintilfu ittri oħra itwal, kif naħsbu, u aktar importanti bħalma kienu l-ittri mitlufa lill-Korintin? Ħaġa tqila biex titwemmen, meta nafu b'liema għożża kienu jinżammu l-ittri ta' S. Pawl. Għalhekk ma tantx innizżilha li S. Pawl kiteb ittri oħra li ntilfu, għalkemm naf li l-kotra tal-għorrief jaħsbuha xort'oħra.

*Ittri lill-Filippin.* Fl-Ittra lill-Filippin 3, 1 S. Pawl igħid "Li niktbilkom l-istess ħwejjeġ ma jdejjaqnix". Minn dal-kliem uħud jaħsbu li S. Pawl kitbilhom aktar minn darba lill-Filippin, u jwettqu l-fehma tagħhom bi kliem S. Polikarpu li fl-ittra lill-Filippin igħid: "U la jien u l-ebda wieħed ma jista' jilħaq mal-għerf ta' S. Pawl li, meta kien għadu fostkom, kitbilkom ittri li bihom tistgħu tikbru fil-fidi." Iżda dal-kliem mhux bil-fors ifisser "aktar minn ittra waħda". Fil-Grieg il-kelma "ittri" tista' tfisser ukoll "ittra waħda". L-anqas il-kliem ta' S. Pawl ma jfisser bil-fors li hu kitbilhom bosta bosta drabi, imma jfisser biss li S. Pawl kiteb u tkellem bosta drabi fuq l-istess tagħlim jew lill-Filippin jew lil insara oħra. Għalhekk minn dan il-kliem ma nistgħux ngħidu li S. Pawl kiteb aktar minn darba lill-Filippin.

Minn dan il-ftit li ktibna jidher li l-fehma ta' dawk li jaħsbu li S. Pawl kiteb xi ittri oħra li ntilfu mhix ċerta għal kollox. Bħalma għidt fuq, il-fehma tiegħi hi S. Pawl kiteb biss l-ittri li waslu f'idejna u li ma ntilfet l-ebda ittra milli kitbet.

P. P. SAYDON

---

# GAHAN U T-TIEG

Darba waħda fit-triq fejn kien joqgħod Ġaħan kien hemm tieġ, u l-ġirien kienu kollha mistednin minn barra minnu. Nhar it-tieġ Ġaħan qagħad fit-tieqa u ma nkeddx bi ftit meta beda jara ġejjin il-furnâra bit-twâġen tar-ross fuq rashom u l-pagni bit-tiġieġ mixwijin, iħallu riħa ta' xuwa warajhom taqsam il-qalb. Għalhekk daħal 'il ġewwa u beda jaħseb u jaħseb biex jara jsibx tarf ħalli jkun mistieden għat-tieġ huwa wkoll.

Fl-aħħar ġieħ ħsieb f'moħħu u mar jiġri jiftiehem mal-mara. Qalilha: "Mara, issa f'nofs inhar, nagħmlu ta' bir-ruħna li qegħdin niġġieldu. Jien naqbad il-ħatar u inti oħroġ iġri 'l barra u għajjat għall-għajjut. Jien noħroġ niġri warajk u nxejjer il-ħatar. Il-bieb tal-għarusa dak il-ħin ikun miftuħ. Inti idħol iġri ġewwa u jien nidħol niġri warajk. Tajjeb?"

"Tajjeb wisq!" weġbitu l-mara li qatt ma kienet tgħidlu le. U hekk għamlu. Meta raw lil mistednin deħlin għall-ikel, ħallew jgħaddi ftit tal-ħin u mbagħad il-mara ħarġet twerżaq u tiġri barra u Ġaħan jiġri warajha, bil-ħatar f'idu kif kienu ftehmu. Il-mara daħlet għand l-għarusa u bdiet tgħajjat: "Ħennu għalija, ja nies, għax Ġaħan irid joqtolni". U Ġaħan ukoll daħal jiġri ġewwa. "U ħallukom mill-ġlied!" bdew jgħidulhom in-nies. U ġiet omm il-għarusa u qaltilhom: "Ara ħallukom minn dan, insew kollox u oqogħdu kulu magħna!" Dan kien jistenna Ġaħan; intasab fuq mejda u mela żaqq daqs bettija.

# IL-QDUSIJA TAL-KOTBA MQADDSA FIT-TAGHLIM TA' MISSIERNA SAN PAWL

S. Pawl kien iben il-Lhud, imnissel mit-tribù ta' Benjamin tal-partit tal-Fariżej. Fiċ-ċokon tiegħu kienu rabbini Lhud li għallmuh is-sisien tat-tagħlim ta' missierijiethom fl-iskola ħdejn is-sinagoga fil-Getto ta' Tarso, il-belt li fiha twieled. Meta sar żagħżugħ Pawlu mar Ġerusalemm, iċ-ċentru spiritwali u ewlieni tal-Lhud u hemm studja taħt il-kbir għaref Lhudi Gamaljel. Fl-aħjar ta' ħajtu Pawlu kien rabbi magħruf kemm għat-tagħlim li wiret minn għand l-imgħallmin tiegħu, kif ukoll għall-imħabba u ħerqa li kellu mkebbsa f'qalbu lejn it-tradizzjonijiet ta' missierijietu.

Anke meta kkonverta u sar wieħed mill-akbar Appostli tal-Knisja ta' Ġesù, Pawlu baqa' igħożż ħafna mit-tagħlim li fih kien trawwem u trabba. Bħala Lhudi, Pawlu ma kellux ħlief jipperfezjona t-tagħlim tat-Testment il-Qadim b'dak ta' Ġesù. L-imħabba lejn Jahwe, Alla tal-Lhud, wara l-konversjoni fit-triq lejn Damasku kompliet issaħħet u ssaffiet fil-qalb ta' Pawlu. Hekk ukoll il-qima lejn il-Kotba Mqaddsa, il-Kelma t'Alla u l-għożża ta' kull Lhudi, ħadet dawl ġdid mit-tagħlim ġdid ta' Ġesù.

Bħala nisrani, Pawlu kellu jgħaqqad mal-kotba mqaddsa tat-Testment il-Qadim il-kliem u t-tagħlim ta' Ġesù li jinsab fit-Testment il-Ġdid. Lil dawn il-kotba iżda Pawlu baqa' jqim b'dik l-imħabba li biha kien imkebbes minn ċkunitu. Fl-ittri tiegħu huwa mhux biss wera qima l-aktar kbira lejn dawn il-kotba, iżda għallem ukoll li huma oġġett sagru, kitba tassew imqaddsa; u dan it-tagħlim Pawlu ssokta jżommu sa l-aħħar ta' ħajtu.

Meta jitkellem fuq it-Testment il-Qadim, S. Pawl itenni dak li kienu jgħidu fuqu l-Lhud u jsejjaħlu *grafai agiai*, Kitba Mqaddsa (Rom. 1, 2), jew *ta iera grammata*, Ittri Mqaddsa (2, Tim. 3, 15). Dawn il-kotba li fuqhom jitħaddet l-Appostlu San Pawl huma t-Torah, in-Nebihim, u l-Ketubim, i.e. il-Kotba kollha tat-Testment il-Qadim imqassam f'dawn it-tliet diviżjonijet. It-Torah jew il-Liġi, li tħaddan l-ewwel ħames kotba tal-Bibbja, li hija l-Kitba Mqaddsa per eċċellenza għax miktub minn Mosè l-Leader tal-Lhud, kif ġiet mogħtija minn Alla nnifsu. In-Nebihim huma l-Profeti, il-kolossi tar-reliġjon Lhudija li żammew dejjem sħiħ it-twemmin safi f'Alla u ħejjew il-miġja ta' Ġesù fid-dinja. Għalhekk huma wkoll kotba verament imqaddsa. Fl-aħħar jiġu l-Ketubim, kotba li fihom tagħlim tassew għoli u reliġluż.

S. Pawl igħid ukoll għaliex dawn il-kotba għandhom jiġu msejjħin imqaddsa. Huma mhux bħal kotba li fihom insibu xi tagħlim sabiħ, xi għaqda ta' liġijiet biss jew xi storja nterressanti. Iżda huma l-istess kelma t'Alla. Alla baqa' jgħix u jitkellem magħna permezz ta' dawn il-kotba. Għalhekk Pawlu jlaqqamhom *ta logia tou Theou*, Il-Kliem t'Alla.

L-Appostlu jissokta jfehmna kif Alla tefa' l-kelma tiegħu f'dawn il-kotba u b'hekk għarrafna aħjar għaliex huma msejjħin Imqaddsa. Il-Bibbja kollha, jgħid fit-tieni ittra tiegħu lil Timotju (3, 16) hi ħaġa qaddisa għax hija n-nifs t'Alla. Dan ifisser li meta l-kittieb sagru kiteb, hu mhux biss ġie mgħarraf, imdawwal u mqanqal minn Alla biex jikteb,

imma aktar minn hekk hu kien l-istrument f'idejn Alla biex dak kollu li jikteb ikun tassew l-istess kelma t'Alla nnifsu. Mela l-iskrittura hi bħan-nifs t'Alla li nefaħ fil-kittieb sagru waqt li kien qed jikteb u la darba hu hekk, l-Iskrittura hi qaddisa bħal Alla, għax ħarġet minnu.

La darba l-Iskrittura hi opra qaddisa, hija wkoll meħtieġa ħafna għall-insara biex jimxu 'l quddiem fil-qdusija. Fiha nsibu, fost ħwejjeġ oħra, il-kliem tal-Profeti li pprietkaw lill-poplu magħżul t'Alla fi żmienijiet koroħ u mwiegħra. Meta l-Lhud kienu fil-periklu li jħallu 'l Alla u jmorru wara allat foloz biex isibu l-kumdità tal-ħajja, il-Profeti wrewhom li bogħod minn Alla mhemmx hena. Il-Profeti għallmu l-imħabba lejn is-safa', is-sabar, it-tgħakkis u lejn il-virtujiet kollha. Fiż-żmien tal-periklu u tat-tbatija huma xandru t-tama f'Alla u taw il-kalma u l-konfort. Il-Kotba tal-Makkabej imbagħad jgħallmu l-imħabba lejn il-patrija u jnisslu l-qawwa fil-qlub biex jiġu mħarsa drawwiet reliġjużi. Hekk jgħallmu l-kotba l-oħra kollha tal-Bibbja. Għalhekk S. Pawl kiteb lil Timotju (2 Tim. 3, 14-17) u talbu biex iżomm iebes fit-tagħlim kollu tal-Kotba Mqaddsa għax permezz tagħhom jagħraf imexxi l-merħla għażiża tiegħu bħala veru Isqof. Tabilħaqq, hekk għamlu l-Isqfijiet u s-saċerdoti matul kważi elfejn sena ta' storja fil-Knisja ta' Kristu. Fl-Iskrittura Mqaddsa l-Knisja sabet dawl qawwi li bih xejnet id-dalma tal-vizzji, mexxiet il-merħla li f'idejha fdalha Ġesù, għallmet l-imħabba u seddqet il-ħaqq.

Fl-Ittra lir-Rumani (15,4) S. Pawl jgħidilna li l-qdusija ta' l-Iskrittura tgħallem lin-nisrani x'inhi l-vera ħajja. L-Antik Testment ħabbar kif kellha tkun il-personalità ta' Ġesù. Il-Messija kellu jiġi biex ibati u hekk ġara. Kristu ġibet fuqu d-dnubiet tal-bniedem biex ipatti għalihom u fih inaddaf l-erwieħ. Issa l-ħajja tan-nisrani jeħtieġ li tkun bħal dik ta' l-Imgħallem, ħajja ta' tgħakkis u ta' tpattija. Imma kif l-Iskrittura ħabbet is-sofferenzi ta' Ġesù u l-glorja Tiegħu, hekk ukoll fis-slaleb tagħna l-Bibbja ttina s-sabar u l-wens. F'dan is-sabar aħna nsibu t-tama dik it-tama li jum għad nitħallsu għas-sofferenzi tagħna fil-hena tas-sema.

Kemm hi sabieħa d-duttrina ta' Msisierna S. Pawl. Nidraw mela naqraw l-ittri tiegħu, li huma wkoll jiffurmaw parti mill-Kotba Mqaddsa. Fihom insibu kliem ta' faraġ, ta' tama, ta' mħabba, li jagħtuna saħħa ġdida biex nissuktaw telgħin it-telgħa lejn is-sema.

P. Gwidu Schembri, O.F.M.

---

## TEL-AVIV GHALQET HAMSIN SENA

Il-belt Lhudija ta' Tel-Aviv, li tfisser: "Il-għolja tar-Rebbiegħa" għamlet ħafla jew festa biex tfakkar il-ħamsin sena ta' ħajjitha. Dak li ħamsin sena ilu deher donnu ħolma ħafifa ta' ftit Lhud, issa sar ġrajja mill-isbaħ. Tel-Aviv hija l-akbar belt għax-xogħol tal-Lhud fil-Palestina. Fiha jgħammru aktar minn erba' mitt elf (400,000) ruħ, u għal ġmiel ta' bini u tul u wisa' ta' triqat,tħabbatha ma' l-akbar bliet ġodda ta' l-Ewropa.

# L-Istorja ta' San Pawl

*(Jorbot mal-Għadd ta' qabel)*

Xi tliet snin wara li sar Nisrani, Pawlu tala' Ġerusalemm u qagħad xi ħmistaxer jum ma' Pietru. Qagħad ma' Pietru, għax l-Insara ta' Ġerusalemm ma riedux jafu bih, billi kienu jafu sewwa kemm ħsara għamel lix-xirka tagħhom. Dak li sewwa l-biċċa kien Jusef Bar-Naba, Lhudi minn Ċipru, Nisrani mill-ewlenija, li ħa hu lil Pawlu għand Pietru u Ġakbu l-Appostli, aktarx fid-dar ta' oħtu Mirjam, fuq Sijon, fejn kienu jgħammru. Bar-Naba qal lill-Appostli u lix-Xjuħ tal-Insara kif ġara li Pawlu kien biddel ħajtu hekk, u li ma kellhomx għal fejn jibżgħu aktar minnu.

F'Ġerusalemm Pawlu beda juri ruħu; jitħaddet mal-Pagani fuq il-kruha tad-din tagħhom u fuq il-ġmiel tad-Din ta' Kristu. Hemm ukoll il-Lhud bdew jaħsbu biex joqtluħ, għal hekk l-Insara haduh Qajsarija u minn hemm siefruħ lejn pajjiżu, Tarsu, biex jeħilsuh mill-mewt u jeħilsu lilhom infushom minn xi għawġ li sata' jinqala' ħtija tiegħu.

F'Tarsu Pawlu qagħad xi erba' snin; ma qagħadx fil-belt ta' Tarsu dejjem, imma jiġri min-naħa għall-oħra fil-bliet u rħula tal-qrib, jgħallem li Ġesù kien Iben Alla, u li n-nies kellhom iħarsu d-Din tiegħu. Meta mbagħad l-Insara kotru ħafna f'Antjokja tas-Surija, Jusef Bar-Naba, dak il-Lhudi Nisrani minn Ċipru, li kienu bagħtuh l-Appostli f'Antjokja minn Ġerusalemm, mar ġieb lil Pawlu minn Tarsu, biex jgħinu fix-xogħol, u damu jaħdmu flimkien, Pawlu u Bar-Naba, f'Antjokja, qishom sena. Imbagħad ġie wieħed raġel qaddis, Nisrani, minn Ġerusalemm u ħabbar li kien sa jaqa' ġuħ kbir fuq il-Palestina. Għal hekk l-Insara ta' Antjokja ġabru kemm setgħu flus u bagħtuhom ma' Pawlu u Bar-Naba lill-Appostli, Ġerusalemm, biex meta jaqa' l-ġuħ, l-insara sħabhom ikollhom biex jixtru xi ħaġa x'jieklu. Dana kien fis-sena Wara Kristu 44.

Bar-Naba u Pawlu telgħu Ġerusalemm u iddew il-flus lill-Appostli, imma ftit damu hemm, għax kellhom wisq x'jagħmlu f'Antjokja. U Ġerusalemm kien hemm it-tiġrib ukoll, billi Erodi Agrippa (iben Erodi x-Xiħ li twieled fi żmien Kristu) kien taħ li jaħqar lill-Insara u kien qatel lil Appostlu Ġakbu, ħu Ġwanni; u ftit wara lil Pietru wkoll kien qabdu u xeħtu f'ħabs, u Ġerusalemm ma kienx fadal għajr Ġakbu l-ieħor, li jgidulu Hu Kristu. Għal hekk Pawlu u Bar-Naba telqu mill-ġdid lejn Antjokja tas-Surija, minn Ġerusalemm, u Bar-Naba ħa miegħu lil Ġanni-Marku, bin oħtu, biex jgħinhom fix-xogħol u jista' jkun ukoll biex jgħarrafhom aktar fuq it-tagħlim ta' Ġesù, għax kien dejjem jisimgħu jgħallem fit-Tempju fil-jiem ta' qabel miet.

Meta waslu Antjokja, darba waħda, kif il-ġemgħa tal-Insara kienu jsellu flimkien, kellhom tnebbiħa minn Ruħ il-Qodos li Bar-Naba u Pawlu kellhom jinfirdu mill-oħrajn għax kien hemm biċċa xogħol ġdida għalihom. Wara l-Insara lil dawn bagħtuhom għall-għonq it-triq u l-ewwel marru Selewkija, li kienet belt fuq xatt il-baħar qrib Antjokja, u minn hemm siefru

għal Ċipru. Meta waslu Ċipru qagħdu ftit żmien f'belt jisimha Salamina, fejn kienu jgħammru għadd ta' Lhud u kellhom sinagoga. F'din is-sinagoga Pawlu u Bar-Naba kienu jmorru kull nhar ta' Sibt, u jaqraw il-Bibbja huma u jfissru kif il-Messija kien ġie, u kien Ġesù, dak ir-raġel li l-Lhud l-oħra kienu sallbuħ ftit snin qabel f'Ġerusalemm.

Telqu minn Salamina u baqgħu jduru l-gżira ta' Ċipru sa kemm waslu f'Pafos, belt bgħida minn Salamina qishom erbgħa u disgħin mil. F'dil-belt kien jgħammar il-ħakem Rumi ta' Ċipru. Hemm Pawlu u Bar-Naba bdew iħabbru 'l Ġesù fil-knejjes jew sinagogi tal-Lhud, nhar ta' Sibt, u billi hemm kienet belt imsawra u kien fiha nies ta' skola, it-tagħlim tagħhom aktar għamel ħoss milli kien għamel f'Salamina. Il-ħakem Rumi ukoll sama' bihom, u darba bagħat għalihom biex jisma' t-tagħlim tagħhom. Imma f'dik il-belt ukoll, kien hemm wieħed Lhudi li kien imsemmi li kien jitkellem m'Alla. Dan ġietu l-għira għal Pewlu u Bar-Naba u beda jeqfilhom u jaħwi lil ħakem biex ma jismax kliemhom. Pawlu meta ra dan, darba waħda, seħtu quddiem il-ħakem, u f'daqqa waħda waqa' fuqu għama. Il-ħakem kif ra dan, emmen it-tagħlim taż-żewġ Appostli u d-deni safa ġid.

Wara dil-ġrajja ż-żewġ Appostli telqu minn Ċipru lejn fejn issa jgħidulu t-Turkija, bil-baħar u niżlu f'belt jisimha Perge. Hemm damu ftit, u ftiehmu li jmorru f'Antjokja l-oħra, li jgħidulha ta' Pisidja. It-triq minn Perge għal Antjokja kerha għall-aħħar, għal hekk Ġanni-Marku ma riedx imur magħhom, u telaq lil zijuh Bar-Naba u lil Pawlu u mar waħdu lejn il-Palestina. Pawlu u Bar-Naba imma marru Antjokja, li kienet bgħida minn Perge xi mitt mil, triq ħażina min fuq iġbla u minn ġewwa widjien, fit-tiġrib tal-ħallelin u tal-bhejjem barrija. Waslu Antjokja bis-sliema u bħal ma kienu jagħmlu dari, nhar is-Sibt marru s-sinagoga tal-Lhud u qagħdu bil-qiegħda. Wara l-qari tal-Profeti u tal-Liġi, rajjes is-sinagoga bagħat għal Pawlu biex jekk kellhom xi ħaġa xi jgħidu, joħorġu jkellmu lin-nies. Pawlu qam u beda jkellimhom u jsemmilhom kif Alla kien ħatar lil Lhud u b'Mosè tahom il-Liġi, u issa kien ħatar lill-kulħadd b'Ġesù Kristu, li kien maqtul u qam mill-ġdid minn bejn l-imwiet. U ħażin għalih min ma jagħmelx tewba ta' dnubietu u jrodd ħajtu 'l Alla. U kif ħarġu mis-sinagoga l-Lhud talbu lil Pawlu li jerġa' jmur is-Sibt ta' wara; u Lhud u Pagani marru warajhom u bdew isaqsu wisq ħwejjeġ lil Pawlu u lil Bar-Naba fuq is-Saltna tas-Smewwiet.

Ix-xnija ta' dan, ma' tul il-ġimgħa, ġriet mal-belt kollha, u s-Sibt ta' wara kotra kbira ta' rġiel marru jisimgħu liż-żewġ Appostli fis-sinagoga. Il-Lhud, jaraw dawk in-nies kollha, ġiethom il-għira u bdew imieru lil Pawlu filli kien qiegħed jgħid. Imma Pawlu u Bar-Naba qalulhom: "Aħna ġejna l-ewwel għandkom il-Lhud, għax hekk kien jixraq; la darba intom ma tridux tisimgħu, issa mmorru għand il-Pagani." U l-Pagani ferħu b'dal-kliem u wisq minnhom saru Nsara. U l-Appostli damu f'Antjokja ta' Pisidja xi tliet xhur.

Imma l-Lhud ma qagħdux qagħdhom. Bdew ixewwxu lin-nisa tal-kbarat Pagani u dawn xewwxu lil żwiegħom, u lill-Appostli keċċewhom minn dik il-belt. Dawn telqu minn hemm u marru Ikonju, bgħid minn Antjokja ta' Pisidja xi wieħed u

tmenin mil. Dan ġara aktarx fis-sena W. Kristu 47.

F'Ikonju kien hemm għadd kbir ta' Lhud, u kien hemm ukoll xogħol kbir tal-insiġ. Aktarx li Pawlu qabad jaħdem hemm, jinseġ, u nhar ta' Sibt kien imur jgħallem lil Lhud fil-knisja, jew sinagoga tagħhom, bħal dari. Kemm dam dax-xogħol ma hux magħruf, imma aktarx għal xi sena, għax għadd kbir ta' Lhud u ta' Pagani emmnu fi Kristu. Imma hawn ukoll ġara bħal ma ġara f'Antjokja: il-Lhud ħażżnu qalb il-Pagani għall-Appostli; imma baqgħu hemm għal xi żmien, għax kellhom lil dawk li saru Nsara jżommu magħhom. U hekk nies il-belt inqasmet, min kien iżomm mal-Appostli u min kien iżomm mal-Lhud.

Imma darba l-egħdewwa tal-Appostli ftiehmu biex iħaġġruhom u joqtluhom; u meta għarfu dan, l-Appostli raw li kien wasal iż-żmien li jitilqu minn hemm. Għal hekk telqu u bdew ixandru l-Aħbar ta' Ġesù f'belt oħra jisimha Listra.

In-nies ta' dik il-belt kienu nies żorrin u bla skola, u jemmnu b'ħafna allat kif jisimgħu, bla ma joqogħdu jaħsbuha. Darba waħda, f'Listra, kif Pawlu kien jgħallem lil ġemgħa ta' nies, kien hemm ukoll jisma' wieħed tallab, magħtub mit-twelid. Pawlu, b'kelma, fejjqu fl-Isem ta' Ġesù Kristu. In-nies malli raw dan, bil - għaġeb tbellhu. Marru jiġru għand il-qasis tagħhom u qalulu li kienu niżlu fid-dinja l-allat. Dal-qassis malajr ħareġ żewġ għoġiela mill-maqjel tal-knisja tagħhom u telaq ma' għadd kbir ta' nies isib lil Pawlu u lil Bar-Naba. Sabhom fejn kienu, ħada bieb il-belt, u kien sa jitboħ il-għoġiela f'ġieħhom. L-Appostli ma ħallewħx u qabdu jgħallmu lin-nies fuq Ġesù u t-Triq jew id-Din tiegħu.

Imma l-Lhud kienu dejjem isusu wara Pawlu u Bar-Naba. Xi Lhud minn dawk li kienu joqgħodu f'Antjokja u f'Ikonju, ġew f'Listra wkoll u bħal ma dari bdew ixewwxu n-nies għalihom. In-nies, imħarrxin hekk, tgħaw xebgħa ħaġar lil Pawlu li ntelaq fl-art u ħasbuh mejjet, u għal hekk ġarrewħ barra bieb il-belt, biex bil-lejl jekluħ id-dbejjeb. L-Insara ta' hemm semgħu x'kien ġara u ħarġu barra bieb il-belt biex jaraw lil Pawlu mejjet u jidfnuh. Kif kienu mdawrin miegħu Pawlu qam u daħal il-belt magħhom, u wara li dewwewh rikkbu lilu u lil Bar-Naba fuq il-bhejjem u tellquhom lejn Derbe, belt xi tletin mil bgħid minn hemm.

F'Derbe qagħdu ftit xhur u ħafna nies emmnu t-tagħlim tagħhom u qalbu Nsara. Imma issa l-Appostli kienu għejjew, għal hekk riedu jerġgħu lura lejn Antjokja tas-Surija, u hekk għamlu. Imma ma marrux mill-ewwel lejn is-Surija, safra qasira; iżda kif kien jaqbel għad-Din Nisrani (imma mhux għal saħħithom), reġgħu lura u għaddew mill-ibliet fejn qabel kienu xandru l-Evanġelju, biex iwettqu fit-twemmin lill-Insara l-ġodda. Kull ġemgħa li kienu jmorru jżuru kienu joqogħdu ftit magħhom u jsumu huma u jġiegħluhom isumu; u wara ħafna talb u tislija, iqiegħdu jdejhom fuqhom u tinżel fihom Ruħ il-Qodos. Lill-ewlenin tagħhom għamluhom Isqfijiet u Xjuħ, jew qassisin, u għallmuhom kif għandhom iġibu ruħhom mal-Insara ta' taħthom u mal-ħbieb u mal-egħdewwa, sewwa Lhud u sewwa Pagani. Meta telqu minn hemm, ma reġgħux għaddew Ċipru; imma minn Perge telqu bil-baħar lejn is-Surija. Din kienet l-ewwel safra ta' Pawlu għat-taħbir tal-Evanġelju, li damet minn erba' sa ħames snin.

# AHBARIJIET TA' L-ART IMQADDSA

**Taħmil qrib il-Knisja ta' Lapsi** — Il-Franġiskani tat-Terra Santa għandhom biċċa art żgħira wara l-kappella ta' Lapsi minn fejn Ġesù tala' s-sema, fir-raħal taż-Żejtun, fuq muntanja qrib Ġerusalem. Billi dil-art tmiss mal-bitħa tal-kappella (li l-lum hija Moskija tal-Misilmin), il-Franġiskani qegħdin iħaffru fiha u jneħħu l-ħaġar u t-torba, biex jaraw kif kien il-bini tal-knejjes li kien hemm, li jissemmew mill-kittieba tal-qedem. S'issa sabu (a), fdal ta' fortizza ta' żmien is-Salibin (jew Crociati); (b), fdal tal-knisja tagħhom, bi tmien imniekeb; (ċ), fdal tal-knisja ta' żmien santa Liena, imdawra dawwara mejt, bħal tal-Mosta. Sabu wkoll li biex il-knisja ewlenija tkun tidher sewwa minn Ġerusalem, il-bennejja għollew mill-art sisien il-knisja qisu ħamsa u għoxrin xiber (għal min ma jafx, Ġerusalem aktar baxxa ħafna miż-Żejtun u bejniethom hemm wied Kidron. Ġerusalem qisha Bormla u l-Knisja taż-Żejtun li qegħdin insemmu, qisha qegħda flok Kastilja).

**Żjara tal-Q.T. il-Patrijarka Grieg** — Il-Qdusija Tiegħu l-Patrijarka Grieg Ortodoss ta' Kostantinopli għamel żjara lill-Art Imqaddsa u kif kien f'Ġerusalem, ir-Rev.mu Patri Kustodju tal-Franġiskani, mar-Rhieb tad-Diskretorju u xi oħrajn, mar jarah u jkellmu. Il-Q.T. feraħ wisq bil-Franġiskani u żżiehom ħajr. Kif tbaxxew wieħed-wieħed ibusulu idu, huwa b'imħabba ta' missier, tbaxxa wkoll u besilhom rashom. Tkellem magħhom bi kliem ta' ħlewwa u għożża kbira u qalilhom li kellu qima u ġieħ għal Franġiskani u li kien qara l-ħajja tal-Qaddis tagħhom San Franġisk u għoġbitu għall-aħħar. Urihom li għandu xewqa kbira li jara li l-Knejjes Insara magħquda mill-ġdid bħal ma kienu fl-ewwel żmenijiet tal-Knisja. Wara ħafna kliem sabiħ ieħor il-Q.T. raġa' żżiehom ħajr bil-qalb miż-żjara tagħhom.

**Arċisqof Franġiskan jgħammar ma' sħabu** — L-Eċċellenza Tiegħu Mons. Luqa Capozzi, Arċisqof ta' Taiywan, fiċ-Ċina, li hu Franġiskan u safa mkeċċi mid-Djoċesi tiegħu mill-Ħakma Kommunista, mar joqgħod għal kollox mal - Franġiskani tat - Terra Santa. Twieled fis-sena 1899 u libes iċ-ċoqqa Franġiskana nhar Santa Marija 1915. Kien ordnat fis-sena 1926 u sar Isqof fl-1940. Laħaq Arċisqof fl-1946 u fis-sena 1951 il-Kommunisti qabduh u xeħtuh il-ħabs, fejn kien maħqur għall-aħħar. Telquh wara tliet snin u keċċewh miċ-Ċina, u issa talab u qala' li jmur bħala Missjunarju t-Terra Santa. Nitolbu għalih biex il-Bambin isabbru u jnessih il-moħqrija li ħaqruh il-ħżiena.

**Dejr tal-Franġiskani ġdid f'Nikosija** — Id-Dejr li kellhom il-Franġiskani f'Nikosija, Ċipru, kien qadim u mmermer u kollu ndewwa, għax inbena erba' mitt sena ilu, fl-1500. Għalhekk ħattewh ftit-ftit u fi mkienu bnew Dejr ieħor suret in-nies. Mar bierku u żanżnu Patri Fred Polidori, il-Kustodju tat-Terra Santa, ftit jiem qabel il-Milied li għadda.

---

*Malta.* — Ġużeppa Chigo, mill-Imqabba, tiżżi ħajr lid-Duluri ta' fuq il-Kalvarju, tal-grazzja kbira li qalgħet bl-interċessjoni tagħha, wara ju-mejn ta' talb lilha. Tagħti wkoll £1 għaż-żejt jew xama' biex jixtegħel quddiemha, ħalli ttemm il-wegħda li għamlet magħha.

# REQUIESCANT IN PACE

*Nixtiequ li l-Imseħbin tagħna jitolbu għar-ruħ għażiża ta' dawn li ġejjin, li telqu minn din id-dinja qabilna, u li nieshom jixtiequna niftakru fihom fit-talb tagħna.*

## MALTA

STELLA MARIS — Ġużeppi Zammit, Toni Zammit, Elisabeth Quintano, Ugo Pace, Olga Pace, Mary Pace, Edward Darmanin, Ġużeppina Darmanin, Ġużeppi Zahra, Mary Barbara, Henry Barbara, Marija Zerafa, Ġużeppi Zerafa. Ester Debrincat, Franġisku Storace, Alice Storace, John Storace, William Storace. Vinċenzu Savona, Karmena Savona, Dolor Zammit, Ġużeppi Zammit, Vira Galea, Karmena Galea, Marija Micallef, Vinċenzu Vella, Katarina Vella, Rosina Calleja, Mikele Calleja, Wiġi Calleja, Ġużeppi Calleja, John Calleja, Anġelu Debono.

SAN PAWL IL-BAĦAR — Valentino Tanti, Katarina Tanti, John Cassar, Vanġela Camilleri, Joe Camilleri, Paskal Camilleri, Ġużeppi Muscat, Sunta Muscat, Edwin Muscat, Mary Bray, Margarita Agius, Joseph Agius, Ewġenja Spiteri, Marku Spiteri, Salvu Bray, Ġiuseppina Engerer, Mary Mifsud, John Zammit, Mary Bray, Wenzu Xerri, Damjan Felice, Ġużeppa Felice, Rikardu Ellul, Ġiuseppa Magro, Franġisk Magro, Toni Galdes, Katarina Cilia, Pawlu Cilia, Salvu Camilleri, Tereża Ciappara, Saverio Ciappara, Marija Demajo, Ines Ciappara, Rosarjo Micallef, Ġiuseppi Micallef, Ġiuseppi Saliba, Franz Saliba, Marija Vassallo, Vittorjo Vassallo, Ġiuseppi Formosa, Rosa Formosa, Antonja Bonnici, Carmela Formosa Euġenjo Formosa, Paolo Frendo.

SANTA VENERA — John Spiteri, Cetta Spiteri, Wenzu Pace u Franġiska Pace, Rikardu Mercieca, Manwela Sultana, Kermena Sultana, Ġuża Mercieca, Gulielmu Mercieca.

MARSAXLOKK — Saver Cassar, Indrija Gafà, Marija Gafà, Anġla Zammit, Ġorġ Zammit, Ġużepp Micallef, Cikku Micallef, Dolor Micallef, Ġużeppi Vella u Karmenu Buġeja.

L-IMSIDA — Rużarja Micallef, Manwel de Alfonso.

BIRKIRKARA — John Mifsud.

IZ-ZURRIEQ — Katarin Vassallo, Karmenu Vassallo, Ġanni Cappara, Karmnu Cappara; Franġisk Tonna, Karmena Tonna, Cikku Bonniċi, Marija Bonniċi, Ġanna Buġeja, Katarin Buġeja, Karmnu Buġeja, Marija Polidano, Ġużeppi Cappara, Karmena Cappara, Ġanni Cappara, u Pawlu Cachia.

IL-ĦAMRUN — Dolor Brincat, Karmena Brincau, Olga Brincau, Jessie Brincau, Anton Brincau, John Borg, Ludgardu Borg, Delina Borg, Toni Borg, Franġisk Buġeja, Toni Bugeja, Eva Bartolo, Mari Calleja u Karmnu Calleja.

RAĦAL ĠDID — Francesco Bertuello, Carmelo Bertuello, Joseph Bertuello, Conċetta Bartolo, Leone Bartolo, Emmanuele Bartolo, Lucrezia Cilia, Ġiuseppi Camilleri, Marija Serge, Ġiużeppi Camilleri, Ġiovanna

Camilleri, Marija Serge, Ġiuseppi Zammit, Vinċenza Cachia Paola Attard, Ġiuseppi Darmanin, Ġiuseppa Darmanin, Marjanna Camenzuli, Catarina Vassallo, Ġiovanna Vella, Salvatore Vella, Paolo Vassallo, Giorgio Farrugia, Marija Tereża Gauci.

VALLETTA — Fortunato Ferro, Marjanna Ferro, Rosina Said, Ġiueppi Said, Vincent Grech, Antonio Bonavia, Grezja Cassar, Salvatore Bondin, Ġiużeppi Pace, Familja Zammit, Ġiużeppi Abela, Costantina Abela, Anna Abela, Raffaele Fenech, Michelina Chetcuti, Emmanuel Chetcuti, Carmelo Aquilina.

AXAQ — Carmela DeGabriele, Marija Carabott Lorenzo Carabott, Catarina Dimech, Carmelo Dimech, Catarina Ellul, Francesco Ellul, Emmanuele Schiavona, Lorenza Carabott, Vinċenzo Mizzi, Carmelo Mizzi Ġiużeppi Demicoli, Veronica Vella, Filippo Vella, Anġela De Celis, Rożarja De Celis, Carmela De Celis, Grezju Attard, Carmela Attard,Grezju Caruana, Catarina Pace, Ġiammarija Pace, Carlo Zammit, Marija Zammit, Francesco Dimech, Carmela Dimech, Rosina Di Ġiovanni, Luigi Demicoli, Ġiużeppa Dimicoli, Vinċenzo Dimicoli, Grezja Demicoli, Ġiovanni Ellul, Evanġelista Ellul, Salvatore Ellul, Carmela Bonnici, Bernardo Busuttil, Tereża Busuttil, Pietro Farrugia, Marija Farrugia, Salvatore Gatt, Vittorio Gatt, Ġiovanni Abdilla, Filomena Abdilla, Marija Abdilla, Marjanna Agius, Anna Busuttil, Anġelo Busuttil, Amabile Agius, Flora Agius, Ġiovanna Agius, Ġiovanni Agius, Carmelo Zammit, Tereża Zammit, Michelina Ellul, Ġiovanni Ellul, Carmela Ellul, Ġiammaria Borg, Salvino Caruana, Tereża Caruana, Ġiovanni Busuttil, Catarina Busuttil, Ġiużeppi Agius, Ġiużeppi Zerafa, Carmela Bartolo, Ġiużeppi Busuttil, Marija Mizzi, Michele Mizzi Tereża Mizzi.

GĦAWDEX

VITTORJA — Karmni Vella, Salvu Vella, Toni Vella, Ġorġ Vella, Mari Tewma, Karmnu Cauchi, Karmni Cauchi, Manwel Cauchi, Wiġi Cassar, Marijan Cassar, Marinton Schembri, Ġorġ Schembri, Pietru Portelli, Ġanna Portelli, Marija Curmi, Gulina Curmi, Karmena Curmi, Joe Curmi, Ġorġ Galea, Tona Galea, Cikku Bonnici, Salvu Desira.

GĦAJN-SIELEM — Salvina Rapa, Bernarda Xwereb, Ġużeppi Xwereb, Pietru Grima, Cikku Grima, Anġla Xwereb, Anġlu Xwereb, Toni Grech, Karmnu Costa, Lureta Costa, Pawlu Vella, Luretu Vella, Ġanni Vella, Cikku Vella, Ġużeppi Vella, Ġużeppi Xerri, Pawlu Xerri, Wenzu Xerri, Rożi Debattista, Luretu Debattista, Pawlu Debattista, Karmnu Muscat, Ġużeppi Muscat, Rożi Xwereb, Marija Xwereb, Ġanni Xwereb, Karmenu Theuma, Salvu Theuma, Cikku Buttigieg, Karmena Grima, Doris Gauci, Toni Gauci, Mikiel Galea, Lużija Mifsud, Salvu Mifsud, Censa Galea, Marija Rapa, John Rapa, John Falzon, Ġużeppi Xerri, Pawlu Xerri, Wenzu Xerri, Luretu Buttigieg, Mikiel Buttigieg, Franġisk Buttigieg, Ġużepp Buttigieg, Sunta Grech, Ġorġi Grech, Dajdi Cutajar, Karmenu Grech, Manwel Grech, Karmni Grech, Censa Azzopardi, Ġużeppi Grima, Karmena Grima u Ġorġ Tarpon.

*Min-naħa tagħna niżguraw qrabathom li l-erwieħ ta' dawn il-mejtin għeżież ikollhom dejjem sehem millquddies li jitqaddes fuq il-Qabar ta' Kristu.*